NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

JANNAR-APRIL 2021

NRU 202



## O SALUTARIS HOSTIA

It-tron dinjituż lil Ġesù Ewkaristija, fil-jum għażiż li fih il-Mulej waqqaf is-Sagrament tal-Imħabba, fil-Kor tal-Bażilika Ġorġjana għal Ħamis ix-Xirka 2021

EDITORJAL

# DAQT LURA GĦALL-GLORJA ORIGINALI

Wara diversi xhur mgħottija bi drapp aħdar u strutturi tal-ħadid, il-faċċata tal-Bażilika tagħna daqt ser terġa' tieħu r-ruħ. Konna qisna ser nibdew nidraw ix-xena ta' ħadid jgħatti dak il-lavur, skultura u arkitettura li jagħnu l-faċċata tagħna. Mhux ta' b'xejn kienet tidher f'ħafna kartolini u ritratti jippromovu l-gżira Għawdxija!

Kull min kien involut fix-xogħol tagħha jaf li ma kinitx ħaġa faċli. Kull min jaħdem f'xi entità jaf li mingħajr l-għajnuna ta' nies b'ħiliet u kompetenzi professjonali differenti, żgur li xogħol bħal dan ma jkunx jista' jsir. Mhuwiex l-iskop hawn li noqogħdu nsemmu nies u kumpaniji li ħadmu fuq dan il-proġett. Insemmu biss l-impenn ta' nies dedikati li apprezzaw dak li l-Parroċċa għandha bżonn u ngħaqdu biex bl-għajnuna ta' kulħadd daqt nerġgħu naraw fil-glorja kollha tagħha din il-ġawhra arkitettonika u storika. Ir-ringrazzjament imur ukoll għall-Ministeru għal Għawdex li pprovda l-fondi meħtieġa biex dan ix-xogħol seta' jsir.

Parroċċa tiddependi ħafna minn għotjiet ta' flus li jiffaċiltaw proġetti simili. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, nintebħu kemm mingħajr dawn il-fondi, proġetti ta' restawr ma jkunux possibbli. Għalkemm il-parruċċani dejjem jibqgħu ġenerużi u jikkontribwixxu, proġetti bħal dak tar-restawr tal-faċċata jiddependu minn fondi pubbliċi. Għalhekk, l-appell hu lill-Awtoritajiet biex ikomplu jżommu għal qalbhom il-wirt artistiku u kulturali li għandhom il-knejjes tagħna, li wara kollox hu tal-poplu kollu. Nappellaw biex dejjem jiġu pprovduti fondi lil entitajiet ekkleżjastiċi biex isiru proġetti ta' restawr u rinnovazzjoni.

## DONAZZJONIJIET

Rose Grech (Victoria) – €10; Familja Mathe (Fontana) – €10; Esther Attard (Victoria) – €20; N.N. – €5.



**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq:**

- **www.stgeorge.org.mt**
- **www.facebook.com/stgeorge.org.mt**

INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Joseph J.P. Zammit

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM

# SAN ĠORĠ, IS-SULDAT LI MMIRA TAJJEB



MESSAĠĠ

L-Arċipriet Joseph Curmi

San Ġorġ hu sinonimu mat-taqbida. Il-fatt li kien suldat imlaħħaq ifisser li kien imħarreġ sew mhux biss fil-mira iżda wkoll fl-għażla ta' lejn xiex għandu jimmira, fl-għażla tal-objettiv. Kellu kapaċità kbira li jagħżel liema hi l-mira li għandu jolqot u liema hu l-ingann. Għax mhux biżżejjed li tkun taf tolqot dak li timmira lejh, iżda hemm bżonn ukoll l-għerf tal-għażla ta' x'inhu importanti tolqot.

**Id-dnub**

It-terminu Grieg għal dnub użat fit-Testment il-Ġdid hu *hamartia*, li proprjament ifisser li ma tolqotx il-mira, ma tilħaqx l-objettiv. Dan hu terminu li meħud prinċipalment mil-letteratura Griega fejn il-*hamartia* tidher bħala d-difett u l-kawża tal-waqgħa u r-rovina tal-persunaġġ. Fi kliem ieħor l-idea hi li l-persuna taqa' fl-iżball li tieħu l-parti żbaljata u mingħaliha li qed tieħu dik it-tajba. It-Testment il-Ġdid jieħu minn din l-idea biex iwassal għall-fatt li d-dnub proprju hu ingann li ma jħallix lill-bniedem jilħaq l-objettiv.

**L-ingann**

Fil-gwerer jintużaw ħafna inganni, bl-Ingliż *decoys*, bl-intenzjoni li jitfgħu l-attenzjoni tas-suldat fuq dak li mhux l-objettiv tiegħu. Is-suldat jew l-armata li taqa' f'din in-nassa taħli ħin u riżorsi prezzjużi li fil-verità huma kwistjoni ta' ħajja u mewt, għax it-tmiem ikun traġiku. L-iżball ikun li ma laqtux il-mira jew l-objettiv veru.

L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja jgħallmuna li fil-ħajja l-bniedem jista' jagħżel l-objettiv il-ħażin filwaqt li mingħalih li qed jagħmel it-tajjeb. Eżempju ċar hu San Pawl. Jgħid hu stess li kien mingħalih li qed jaqdi lil Alla l-veru biż-żelu u l-ħeġġa. Kien mingħalih li l-enerġija tiegħu qed jaħliha għal Alla. Ir-riżorsi, l-intelliġenza, il-ħin tiegħu kienu kollha mitfugħa fuq li jaqdi lil Alla. Imbagħad tiġi l-Kelma ta' Alla f'ħajtu u jissabbat mal-art. "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?". U toħroġ dik il-mistoqsija famuża: "Min int, Mulej?".

Dan hu Sawl il-bniedem ċert mill-fidi tiegħu u mill-objettiv tiegħu. Dan hu Sawl li mingħalih kien jara ċar il-liġi ta' Alla u sab li proprjament kien għami. Induna li l-mira li fuqha ħela ħajtu u ġiegħel tant nies ibatu kienet żbaljata. Induna li dak li kien iffissat fuqu kien ingann. Ġabar il-knis u rema' t-teżor.

**Id-dixxerniment**

Il-Knisja, imdawla mill-Vanġelu, tipproponi lill-bniedem triq biex wieħed jagħżel bejn l-objettiv il-veru u l-ingann. Dan hu d-dixxerniment tal-ispirti. L-Ispirtu hu dak li jmexxi u jimmotiva l-azzjoni tal-bniedem. Għax il-ħażin jista' jinħeba taħt ħafna motivazzjonijiet u azzjonijiet li huma tajba, iżda li mbagħad ikunu ħlew l-enerġija tal-persuna u ma tilħaqx l-objettiv. Ħu x-xogħol, ngħidu aħna. Hu tajjeb li wieħed jaħdem u jirsisti għall-familja. Iżda kemm jiġri li mbagħad wara snin bniedem jinduna li spara ħażin għax mingħalih se jpoġġi lill-familja sew iżda jinduna tard wisq li l-familja qatt ma kkuraha.

Id-dixxerniment isir fuq żewġ livelli. L-ewwel livell hu dak personali. Il-persuna tipprova tagħraf x'inhu dak li jmexxilha lil qalbha. Iżda ma tistax tieqaf hemm, għax aħna għandna xeħta li ngħidu lilna nfusna dak li nixtiequ nisimgħu u mhux il-verità, u hekk ningannaw lilna nfusna. Id-dixxerniment imbagħad irid isir bl-għajnuna tal-komunità Nisranija, fil-formazzjoni u fid-direzzjoni spiritwali. Hekk il-persuna tagħraf lil Alla bħala bidu u bażi ta' kollox u tindirizza kollox lejn dak l-iskop.

**Il-mira tal-Kristjan u tal-komunità**

Il-Kristjan mira waħda għandu: li jsir jaf lil Alla u jagħmel minn kollox biex jaqsam dan id-don mal-oħrajn. Min hu veru dixxiplu ta' Kristu kmand wieħed għandu: irid imur jagħmel dixxipli. Kull attività, proġett, spiża, enerġija u riżorsa, jekk mhix mitfugħa fuq dan l-objettiv hi dnub. Hu dnub jekk il-komunità Kristjana taħli l-enerġija tagħha fuq kull ħaġa li mhix b'mod dirett marbuta ma' dan l-għan.

Hu għalhekk li anki l-komunità Kristjana trid tgħaddi l-proġetti u l-pjanijiet pastorali tagħha mill-passatur tal-Kelma ta' Alla, tat-talb u tal-formazzjoni. Huwa faċli li anki l-komunità Kristjana tinħela fuq dak li mhux l-objettiv prinċipali u ingannata tgħaddi ħinha f'dak li mhux Alla. Hu faċli li l-komunità Kristjana tiġi ingannata li qed tagħmel ir-rieda ta' Alla meta tkun biss qed tagħmel dak li jissodisfa lilha.

**San Ġorġ**

San Ġorġ meta ltaqa' ma' Kristu dritt iċċentra l-objettiv. Tant hu hekk li kollox qies bħala knis quddiem Kristu. Ħalla warajh kull aspett ta' ħajtu u tefa' l-enerġija kollha tiegħu f'li jaqdi lilu. Hu għalhekk li bix-xieraq insejħulu Glorjuż, għax tefa' saħħtu kollha biex jilħaq lil Kristu.

Nawgura minn qalbi li l-komunità tagħna tkompli tikber fl-għarfien ta' dak li hu l-veru għan u ma nħallu l-ebda ingann ineħħilna l-ħarsa minn fuqu. Jalla nkabbru l-possibbiltajiet u l-gruppi ta' formazzjoni. Jalla flimkien nindirizzaw il-forzi u r-riżorsi kollha tagħna lejn il-persuna ta' Kristu u x-xandir tal-Evanġelju lid-dinja tal-lum.

KRONAKA



Jannar – April 2021

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI

1. L-Isqof Anton Teuma mexxa l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fil-Bażilika kif ukoll dak tal-Epifanija, fejn amministra l-magħmudija ta' tarbija. *Ritratt: Hush Studios*

2. Fil-11 ta' Jannar inżamm fil-Bażilika l-Funeral ta' Pawlu M. Cassar, benefattur kbir tal-Kolleġġjata Ġorġjana u eks President, Segretarju Ġenerali u Teżorier tas-Soċjetà La Stella. Il-Banda Ċittadina La Stella sellmitlu b'marċi funebri quddiem is-sede tagħha u wara l-quddiesa, immexxija min-Nunzju Appostoliku l-Arċisqof Alfred Xuereb, akkumpanjat it-tebut fil-ħruġ tiegħu mill-Bażilika.

3. Fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, it-2 ta' Frar, l-Arċipriet mexxa quddiesa għall-ġenituri u t-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, li fiha saret il-preżentazzjoni uffiċjali tal-kandidati għal dawn is-sagramenti.

4. Il-psikologi Dun John Vella u Dr Benna Chase flimkien ma' Dun Anthony Bajada kienu l-kelliema f'seminar parrokkjali dwar il-*bereavement* li nżamm fuq żewġ nofstanhari – fis-6 u l-20 ta' Frar – f'Dar Manresa, il-Belt Victoria, bħala parti mill-Proġett *Fejn hu Ħuk: Il-Mejjet*.

5. Minħabba l-miżuri li bihom l-Awtoritajiet għat-tieni darba reġgħu rrestrinġew il-quddies u laqgħat bis-sehem fiżiku tal-poplu, l-Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal minn Patri Etienne Gilson OFMCONV fil-ġimgħa tad-Duluri kellhom jinżammu onlajn, u għalihom kien hemm konkorrenza qawwija. Iż-żewġ korsijiet l-oħra għall-koppji u għal kulħadd laħqu nżammu fil-Bażilika.



2



1



3



4



5

6. L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa xxandret fuq il-mezzi soċjali tal-Bażilika (kif ukoll fuq NET TV nhar il-Ġimgħa l-Kbira) produzzjoni mtellgħa mill-Parroċċa bil-Via Sagra li nżammet fil-Ġimgħa l-Kbira tas-sena l-oħra fi Pjazza San Pietru, miktuba mill-ħabsin ta' Padova. It-test inqaleb għall-Malti minn Francesco Pio Attard u twassal minn qarrejja professjonali, alternat ma' siltiet mużikali minn Jacob Portelli fuq l-arpa.

7. Minkejja r-restrizzjonijiet fir-Randan ta' din is-sena, il-Bażilika xorta ġiet armata għaż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira nħarġu kollha ħlief għall-Monument. *Ritratt: JJP Zammit*

8. F'Ħamis ix-Xirka ta' din is-sena, l-Altar tar-Ripożizzjoni ntrama b'mod differenti, bil-ġilandra fuq l-Altar tal-Kor tal-Bażilika. Hekk il-poplu seta' jagħmel iż-żjara lil Ġesù Ewkaristija waqt li jinżammu d-distanzi soċjali

9. Il-Kardinal Mario Grech, Segretarju Ġenerali tas-Sinodu, mexxa l-Pontifikal ta' Ħadd il-Għid fil-Bażilika, fejn l-Arċipriet fl-aħħar talbu jiskambja l-kallotta ta' kardinal biex tinżamm fil-kollezzjoni tal-Bażilika.

10. Ftit jiem qabel Jum San Ġorġ fit-23 ta' April l-Awtoritajiet irrilaxxaw xi miżuri għall-ħarsien tal-pandemija hekk li l-knejjes setgħu jerġgħu jiftħu l-bibien tagħhom għall-quddies. Dan ippermetta l-attendenza sabiħa ta' ħafna Ġorġjani għall-Pontifikal tal-Isqof nhar San Ġorġ filgħaxija.



6



7


8

11. L-Isqof Anton Teuma tkellem mal-kreżimandi, il-ġenituri u l-parrini tagħhom nhar id-29 ta' April, bi tħejjija għall-Konfirmazzjoni li kellha tinżamm xi Ħdud wara. Il-laqgħa fetħet bi preżentazzjoni ċkejkna minn xi tfal u ġenituri.


9


10


11

## PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA GĦAS-SENA ĠUŻEPPINA






*Bħal Ġużeppi rridu nkunu* huwa l-isem ta' pubblikazzjoni ċkejkna li tikkonsisti f'ġabra ta' talb u dokumenti oħra għas-Sena Ġużeppina (li nieda l-Papa Franġisku bejn it-8 ta' Diċembru 2020 u t-8 ta' Diċembru 2021) miġburin fi ktejjeb ta' madwar 106 paġni mill-Kan. Geoffrey G. Attard. Il-pubblikazzjoni, li fiha wkoll xi ritratti bil-kulur u turi x-xbieha tal-istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-faċċata tagħha, tiġbor fiha l-aktar dokumenti importanti tal-papiet dwar San Ġużepp sa minn meta l-Knisja ħatritu Patrun universali tagħha mija u ħamsin sena ilu. Il-ktejjeb jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali għall-prezz ta' €6.

# KIF LAQTITHOM IL-PANDEMIJA...





Minn Marzu 2020, il-ħajja ta' kuljum tal-Maltin u l-Għawdxin, bħal fid-dinja kollha, inbidlet drastikament meta faqqgħet għall-għarrieda l-imxija qerrieda tal-Coronavirus. Intlaqtu ħażin mhux biss pajjiżi, negozji u organizzazzjonijiet sħaħ, imma tant individwi li mardu u familji li fost l-oħrajn tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom, anki fil-gżejjer tagħna, vittma ta' dan il-virus ikrah; uħud lanqas funeral kif imiss ma setgħu jagħmlu lill-mejtin tagħhom. Il-Knisja wkoll għaddiet minn perjodi diffiċli u ta' prova, bil-knejjes tagħna jwaqqfu temporanjament għal iktar minn darba l-quddies għall-pubbliku u l-parroċċi u l-għaqdiet ikollhom jadattaw għal ċelebrazzjonijiet u laqgħat onlajn. Il-Parroċċa ta' San Ġorġ, bħall-komunitajiet parrokkjali kollha, kemm ilha għaddejja l-pandemija fl-aħħar sena u nofs kellha tadatta ruħha. *Il-Belt Victoria* tkellmet ma' xi membri tal-Parroċċa li jaqsmu mal-qarrejja l-esperjenzi personali tagħhom qalb tant restrizzjonijiet.

**Mons. Feliċ Tabone – Vigarju Parrokkjali**

Fis-7 ta' Marzu 2020 instabu l-ewwel każi tal-virus tal-Covid-19 f'Malta. Mingħajr dubju ta' xejn din il-pandemija kellha effett fuq il-ħajja ta' kull bniedem. Għalkemm għaddew kważi sena u nofs minn mindu daħal dan il-virus f'pajjiżna, il-bidla li ġab fil-ħajja tagħna u d-diffikultajiet li ħoloq għadna nħossuhom.



Fit-42 sena li ilni Vigarju Parrokkjali, jiġifieri mill-1979, qatt ma kont esperjenzajt affarijiet bħal dawk li ġabet magħha l-pandemija. Għal żewġ perjodi tul dawn l-aħħar sena u nofs, li bdew f'Marzu 2020 u f'Marzu 2021, pajjiżna kien f'*lockdown* parzjali. L-Awtoritajiet tas-Saħħa, fi qbil mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, bħala prevenzjoni kontra t-tixrid ta' dan il-virus ħarġu direttivi li waqqfu l-qima pubblika. Is-soltu matul il-ġurnata, fil-ħidma tiegħi f'San Ġorġ, niltaqa' ma' ħafna persuni. Għaldaqstant li mmur San Ġorġ filgħodu u ma niltaqa' kważi ma' ħadd kienet għalija xi ħaġa stramba ħafna, kważi surreali. Għalkemm kien ikun hemm bosta persuni li jinvistaw il-Bażilika matul il-ġurnata, f'dawn iż-żewġ perjodi ta' *lockdown* ħassejt li l-eżerċizzju tal-ministeru saċerdotali tiegħi kien ħafna limitat għaliex naqas il-kuntatt man-nies.

Finanzjarjament il-Parroċċa wkoll għaddiet minn żmien diffiċli. Il-ġenerożità tal-poplu ta' Alla hija l-uniku introjtu li għandha. Peress li twaqqfet il-qima pubblika, waqaf ukoll il-ġbir li s-soltu jsir waqt il-quddiesa. Fl-istess waqt, imma, kien hemm bosta benefatturi li baqgħu jsostnu l-knisja tagħna b'diversi modi.

Iż-żmien tal-pandemija kien ukoll stedina għalija biex niffamiljarizza ruħi aktar mat-teknoloġija. Matul il-*lockdown* bdejt nagħmel aktar użu mill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali biex niltaqa' b'mod virtwali ma' ħuti s-saċerdoti u ma' bosta persuni oħra.

Nittama li bl-għajnuna ta' Alla ma ndumux ma ngħaddu minn dan iż-żmien diffiċli. Jalla minn dan iż-żmien ta' pandemija nitgħallmu xi ħaġa: li ngħożżu dak li għandna u li nagħrfu kemm aħna ċkejknin.

**Matthew Mifsud – Voluntier tal-Parroċċa**

Mingħajr l-iċken dubju fl-aħħar sentejn pajjiżna mal-bqija tad-dinja esperjenza dak li ħafna minna qrajna u studjajna biss f'kotba tal-istorja li minnhom ftit li xejn stajna nifhmu xi tfisser il-kelma pandemija, wisq inqas ngħixuha. Il-pandemija tal-Covid-19 nistgħu ngħidu li ġabet lid-dinja litteralment għarkupptejha quddiem it-tbatija li għaddejna minnha f'dawn l-aħħar xhur. Forsi veru illi f'Malta bl-għajnuna ta' Alla ma batejniex l-eħrex sofferenzi li batew pajjiżi oħra, inkluż dawk viċin tagħna bħall-Italja u Spanja, fejn f'kelma waħda l-pandemija ħalliet ħerba kemm fl-ekonomija u kemm bin-numru ta' mwiet. Madankollu pajjiżna



għadda minn tbatijiet differenti wkoll. Il-pandemija qalbet il-folja ta' taħt fuq anki fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u s-Soċjetà La Stella.

Żgur illi fl-inawgurazzjoni tar-restawr tal-koppla f'Diċembru 2019 ħadd ma kien jgħidilna illi fi ftit inqas minn erba' xhur konna ħa nibdew ngħixu lockdown parzjali. Bħalma jsir is-soltu mal-bidu tar-Randan bdew it-tħejjijiet għal dan iż-żmien qaddis, bdew jinħarġu l-ewwel vari, kif ukoll bdiet il-kitba tal-parteċipanti għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Madankollu ftit jiem biss wara, dan kellu jitwaqqaf ħesrem hekk kif pajjiżna ġie infettat minn dan il-flaġell kiefer fis-7 ta' Marzu 2020, ftit iktar minn mitt sena wara l-epidemija tal-influwenza Spanjola tal-1918. Mad-dħul tal-pandemija f'Malta nħassu tensjoni u biża' kbir: "X'inhu dan il-virus?", "X'ħa jiġri minna?", "Ħa nispiċċa bla xogħol?"... dawn kienu l-mistoqsijiet u ħsibijiet li għaddew mill-imħuħ ta' ħafna. Hekk kif ħarġet l-aħbar li tħassru l-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa l-Parroċċa ta' San Ġorġ ħasset illi bħalma għamlu missirijietna fi żminijiet simili, aħna wkoll kellna nduru għal darb'oħra lejn il-ħarsa ħanina ta' San Ġorġ illi kien għalina sors ta' serħan il-moħħ matul din il-pandemija. Inħassu diversi emozzjonijiet nhar is-16 ta' Marzu 2020 filgħaxija hekk kif fil-Bażilika ta' San Ġorġ kien qed iseħħ għal darb'oħra avveniment storiku, fejn flimkien mal-Kurċifiss mirakoluż u x-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu nħarġet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, mhux qalb iċ-ċapcip u l-għajat li jtarrax, imma fis-skiet u tensjoni li twaħħax. Din hi l-istess statwa li waslet fostna sewwasew għall-istess skop fl-1839, bħala ex-voto wara li Għawdex inħeles mill-imxija tal-kolera. Lil San Ġorġ rajnieh mhux biss f'sempliċi statwa li ssaħħarna, iżda bħala interċessur mis-Sema.

Filwaqt li l-pandemija bdiet tħalli l-effetti tagħha u bdew jiġu introdotti miżuri ta' prekawzjoni, inkluż il-lockdown parzjali u l-għeluq tal-ħwienet, inħasset sew id-devozzjoni kbira li l-poplu tagħna għandu lejn San Ġorġ. Il-preżenza tad-devoti ma qatgħet xejn bejn Marzu u Lulju, għaliex għalkemm il-Bażilika kienet tingħalaq għall-ħin tal-quddies, tmur xħin tmur, nies il-ħin kollu jitolbu quddiem San Ġorġ. Donnu San Ġorġ kien spalla għalina f'dawn iż-żminijiet.

Waslet imbagħad l-aħbar li b'dispjaċir stennejna: il-festi tas-sajf ikkanċellati. Daqqa ta' ħarta għalina lkoll, madankollu ħafna minna fdajna f'San Ġorġ u l-kliem sempliċiment kien: "Jekk irid joħroġ, jaf x'għandu jagħmel". U tabilħaqq il-biża' tagħna ma kellux ikun, u kien għalina mument ta' qawmien ġdid xħin, bħal anġlu nieżel mis-sema, San Ġorġ deher jixref fil-bieb tal-Bażilika man-noti melodjużi tal-*Georgius natus est*, it-tixjir tal-palm mal-*"Gloria a Giorgio"* u ċ-ċapċip u għajat li jtarrax tal-*Ġorġi tagħna*. Kull wieħed minna qabiżlu d-dmugħ u lil San Ġorġ ħassejnieh fostna bħal missier qalb uliedu. Bla dubju ta' xejn dak kien l-isbaħ mument għalina fis-sena 2020.

Wara l-Festa, il-pandemija għal darb'oħra għoġobha terġa' terfa' rasha u sibna ruħna fir-restrizzjonijiet li kienu reġgħu daħlu fis-seħħ... fi kliem sempliċi, ħajja ristretta. Biss ma nistgħux ngħidu l-istess għall-Parroċċa ta' San Ġorġ u l-volontarjat, illi mhux talli ma naqasx imma kompla jiġġedded u dejjem jikber, għaliex ilkoll ħassejna li l-parroċċa tagħna ma stajniex inħalluha waħidha.

Waslu mbagħad il-festi tant sbieħ tal-Milied, li għalkemm ma gawdejnihomx bl-iktar mod sabiħ li aħna mdorrijin fih, xorta għexna l-ispirtu li jġib miegħu dan iż-żmien qaddis. Kif daħlet is-sena 2021 ilkoll nafu illi l-pandemija għal darb'oħra reġgħet kixfet snienha u sintendni ma kien fadal l-ebda tama illi jiġu ċċelebrati l-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, imma xorta fil-Bażilika ta' San Ġorġ inħass spirtu mill-aqwa ta' devozzjoni. Għall-kuntrarju tas-sena ta' qabel, inħarġu fil-knisja l-istatwi kollha tal-Passjoni għajr dik tal-Monument, ġie armat id-damask l-iswed, u ntrama l-Altar tar-Ripożizzjoni għall-ewwel darba fuq l-altar tal-Kor f'ambjent solenni mill-aqwa, illi kien iċ-ċentru tal-lejl ta' Ħamis ix-Xirka: xhieda ta' dan kien in-numru kbir ta' nies illi żaru lill-Bażilika tagħna għat-talb bejn dakinhar u l-Ġimgħa l-Kbira. Tabilħaqq il-Parroċċa ta' San Ġorġ kienet waħda mill-ftit li fiċ-ċirkustanzi għamlet iktar milli setgħet biex iċċelebrat bl-iktar mod dinjituż dan iż-żmien qaddis. Dan kollu żgur ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna u s-sostenn konsistenti tal-voluntiera tagħna.

Għalina lkoll serva ta' tama ż-żmien tal-Festa liturġika ta' San Ġorġ, għaliex erġajna ftaħna l-bibien b'mod sigur għall-poplu illi bi ħġaru attenda għall-funzjonijiet liturġiċi tal-Festa liturġika tat-23 ta' April. Fid-dawl taż-żminijiet li għaddejjin minnhom nammetti illi ma kontx sorpriż illi n-numru fl-attendenza għal San Ġorġ mhux talli ma naqasx, imma żdied. Tabilħaqq Alla huwa kbir!

Issa li l-pandemija ilha magħna minn Marzu 2020, beda jinħass is-sens ta' għeja u l-imxija bħal donnha ndrat, madankollu l-kelma 'normalità' li sa ftit ilu ma kienet tfisser xejn, illum għandha rwol importanti għalina lkoll. L-ikbar biża' ta' ħafna minna, barra l-pandemija, hu l-ħsieb ikrah li għal din is-sena ser induqu l-għafsa ta' qalb li ma narawx lil San Ġorġ tagħna mat-toroq tar-Rabat, madankollu hemm bżonn nagħmlu ħilitna sabiex kemm jista' jkun pajjiżna jerġa' lura għan-normal fi żmien qasir,

nirrispettaw il-miżuri u quddiem dan il-flaġell kiefer li ħakimna nżommu kawti u b'saħħitna. U bħalma għamlu ta' qabilna, nafdaw f'Alla, f'Ommna Marija, u f'San Ġorġ, sabiex jekk Alla jrid nerġgħu nqumu fuq saqajna u nibdew ngħixu ħajjitna possibbilment bin-normalità kollha li kellna qabel il-pandemija.

---

**Il-Kan. Joe Zammit – Saċerdot tal-Parroċċa**

Sintendi l-pandemija laqtet fil-laħam il-ħaj ir-relazzjonijiet u allura anki l-pastorali. Dik li aħna nsejħu ħidma pastorali mhix għajr relazzjoni man-nies f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla.

Hawnhekk tidħol l-amministrazzjoni tas-sagramenti u b'mod partikulari ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, is-sagrifiċċju ta' Kristu mġedded fuq l-altari tagħna. Dan kollu jixhed għal diffikultà notevoli biex il-poplu jirċievi l-grazzja tas-sagrament b'mod effettiv. Din id-diffikultà ħassejtha jiena wkoll minkejja li kelli l-possibbiltà li nqaddes għall-poplu b'quddies *live-streamed*, kemm fil-Knisja tagħna ta' San Ġorġ, kemm fil-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn. Ovvju li mhux l-istess meta, minflok membri ħajjin iwieġbu, ikollok quddiemek siġġijiet jew bankijiet vojta.

U dwar is-sagrament tal-qrar, l-istess. Ftit li xejn ġejt mitlub inqarar, u fil-ftit okkażjonijiet bid-diffikultà ta' smigħ xieraq u anki ma tantx kont tista' twieżen lill-penitent minħabba l-perspex. Il-pastorali tqarribna lejn xulxin, filwaqt li l-pandemija tbegħedna! Din is-sentenza tiġbor kollox, naħseb jien.

Fuq nota pożittiva u personali, ngħid li dan iż-żmien kien ukoll okkażjoni biex ukoll mill-bogħod u fil-privat nitlob għal dawk li huma fdati fil-kura pastorali tiegħi, u li nwassal, minn żmien għal żmien, messaġġi ta' tama reliġjuża lil bosta permezz tal-*Whatsapp*. Ħassejt li dan il-mod għaqqad ħafna fejn il-Covid fired, u dan il-kuntatt virtwali seta' ħalla l-ġid, almenu hekk deherli mir-risposti li kienu jasluli. B'tali mod li meta jgħaddi kollox, m'hemmx għalfejn nerġa' nibda kollox mill-ġdid.

---

**Paula u Jonathan Aquilina – Koppja li żżewġet dan l-aħħar**

Wara sentejn ta' preparazzjoni, pjanijiet u eċċitament kbir, iż-żwieġ tagħna kellu jsir fit-18 ta' April 2020. Sa Frar ta' dik is-sena kollox kien lest. Imma mbagħad faqqgħet il-Covid-19 u nqaleb kollox ta' taħt fuq. Fost il-miżuri li ddaħħlu f'pajjiżna minħabba l-pandemija kien hemm il-projbizzjoni tat-tiġijiet.



Kellna dispjaċir kbir bis-sitwazzjoni għaliex wara tant żmien ta' preparamenti konna ħerqanin ħafna li nizżewġu. Minnufih bdejna nippruvaw insibu data ġdida, u wara ħafna diskussjonijiet mal-fornituri qbilna fuq is-17 ta' April 2021. Hekk, erġajna bdejna bil-pjanijiet għal tieġ iżgħar u fuq stil differenti. Reġa' beda l-eċċitament, u sa Marzu 2021 kellna kważi kollox lest għat-tieni darba. B'xorti ħażina, il-każijiet tal-Covid reġgħu bdew telgħin, tant li f'Marzu l-festini tat-tiġijiet reġgħu ġew ipprojbiti! Imma din id-darba, l-Awtoritajiet tal-Knisja, f'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet tas-Saħħa, ħarġu direttiva li tippermetti li ż-żwiġijiet fil-knejjes isiru b'ġemgħa limitata li ma taqbiżx il-mitt ruħ. Għalhekk iddeċidejna li nkomplu għaddejjin biż-żwieġ fis-17 ta' April, għax fl-aħħar mill-aħħar l-aktar ħaġa importanti hi r-rabta quddiem Alla.

Kienet ġurnata mistennija ħafna, mimlija emozzjonijiet sbieħ li ħa jibqgħu magħna tul ħajjitna kollha. Bla dubju s-sehem tal-ġenituri, il-familjari u l-ħbieb tagħna kien kruċjali, mhux biss fl-għajnuna li tawna fil-preparamenti, iżda fuq kollox fl-imħabba u s-sapport kollu li rċevejna mingħandhom. Nirringrazzjaw ukoll lill-Arċipriet ta' San Ġorġ Dun Joseph Curmi li kien ta' għajnuna kbira għalina, kif ukoll lill-Vigarju Parrokkjali Mons. Feliċ Tabone, u lill-Kan. George J. Frendo u Dr Maria Frendo flimkien mal-Kor Laudate Pueri.

---

**Miriam Portelli – Katekista**

Il-pandemija dinjija tal-Covid-19 biddlet il-ħajja ta' kull uman. L-ewwel inħsadna. Imbagħad bżajna. U bilmod bdejna nadattaw irwieħna quddiem xenarju bla preċedent.

L-istess ġara lilna l-katekisti li ngħixu f'kuntatt dirett u kontinwu mal-membri żgħar fi ħdan il-familja ta' Alla. F'Marzu 2020 kellna nwaqqfu ħesrem il-katekeżi kemm mat-tfal li kienu ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u kemm ma' dawk li kienu ser jirċievu s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni. Waqaf il-kuntatt bejnna u bejn dawn it-tfal għal perjodu ta' ġimgħat, u f'kuntest usa' l-knejjes ġew magħluqa. Kienet ħasda. Kiber ukoll il-biża' li allura f'dik is-sena s-sagramenti setgħu ma jiġux mogħtija.

Iżda l-Ispirtu tal-Mulej, jekk jitħalla jaħdem fina, jagħmel ħwejjeġ kbar. U magħna l-katekisti, dejjem f'ħidma id f'id mal-Arċipriet, il-Mulej ħadem bil-kbir. Adattajna rwieħna dritt u b'mod mill-aktar mexxej għar-realtà tal-komunikazzjoni onlajn u, flimkien mal-katekisti taċ-Ċentri tad-Duttrina, konna nżommu kuntatt spiritwali mat-tfal kull nhar ta' Ħadd.

Din ir-realtà għexnieha din is-sena wkoll għal perjodu qasir fix-xhur ta' Marzu u April. Din id-darba konna iżjed imħejjija sabiex onlajn inkomplu fejn ħallejna waqt il-laqgħat fiżiċi li kienu għaddejjin regolarment. Ħadna ħsieb insaħħu l-katekeżi ta' dawk it-tfal li għal xi raġunijiet ma kinux jattendu regolarment il-laqgħat b'mod fiżiku: lil dawn kienet issirilhom laqgħa addizzjonali biex jirkupraw dak li tilfu.

Is-sena l-oħra t-tfal tagħna rċevew is-sagramenti. Din is-sena wkoll. Għamilna minn kollox biex fiż-żewġ okkażjonijiet il-mixja spiritwali ta' dawn il-membri żgħar tkun kompluta, sakemm tilħaq il-milja tagħha bl-għotja tas-sagramenti.

Il-pandemija xi darba jew oħra ser tispiċċa. Min-naħa tagħna l-katekisti, ix-xogħol jibqa' għaddej għax "il-ħsad huwa kbir...". U l-Mulej jibqa' jaħdem fina.

---

**Andrea Camilleri – Animatur tal-Gruppi tal-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Il-gruppi tagħna taż-żgħażagħ ukoll ġew milquta xi ftit jew wisq mill-pandemija. Ibda biex, il-leaders kellhom jaħsbu u jmorru lil hemm mill-format tal-laqgħat li jsiru s-soltu fil-Hub taż-żgħażagħ stess. Minkejja d-diffikultà li ġġib magħha, il-maġġoranza tal-laqgħat saru onlajn jew fis-sala l-kbira tal-Parroċċa. Kienet ta' sfida kbira, kemm għal-leaders u kemm għaż-żgħażagħ, biex flimkien jibnu r-relazzjoni li s-soltu tinbena faċilment waqt il-laqgħat. Ħafna attivitajiet għal qalbhom, fosthom il-kamp tas-sajf, il-*Christmas Loading*, u l-mumenti sbieħ ta' karaoke u tournaments tat-table soccer fit-23four Hub, kellhom jitwaqqfu ħesrem minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija.


Waħda mill-aħħar laqgħat tal-gruppi qabel daħlu fis-seħħ il-miżuri bir-restrizzjonijiet tal-Covid-19

Personalment, naħseb li din il-pandemija għallmitna napprezzaw l-affarijiet iż-żgħar. Mur għidilna kemm kien importanti li wieħed jiltaqa', anki sempliċiment biex jaħdem u jitkellem! Hu diffiċli immens li tilħaq dak il-livell ta' komunikazzjoni onlajn. Il-kuntatt maż-żgħażagħ naqas drastikament, u naħseb li kulħadd ħass dan in-nuqqas. Barra dan, il-Grupp taż-Żgħażagħ tiegħi, dak tal-15+, kellu sfida ikbar minħabba n-numru ta' eżamijiet importanti bħala parti mill-aħħar sena tal-iskola sekondarja. Minn hawn nawguralhom futur mill-isbaħ u nħeġġiġhom jimxu ma' dak li tgħidilhom qalbhom. Nitlob lill-Patrun tagħna San Ġorġ iħares lil dawn iż-żgħażagħ tagħna, u jkun raġġ ta' dawl, ta' eżempju, biex qatt ma jaqtgħu qalbhom quddiem dak kollu li l-ħajja titfa' quddiemna, inkluża l-pandemija.

---

**Anton Said – Anzjan**

Effett tar-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija, ir-rutina ta' kuljum inbidlet ta' taħt fuq. Dak li konna nagħmlu mingħajr wisq ħsieb, f'daqqa waħda ma kienx għadu possibbli. Issa, il-quddiesa u l-parteċipazzjoni fil-ħafna attivitajiet organizzati mill-Parroċċa stajna nsegwuhom billi nagħmlu użu mit-teknoloġija moderna.

Naturalment, meta għall-bidu tas-Sajf li għadda reġa' beda l-quddies, ħadna r-ruħ u rġajna bdejna niġu San Ġorġ, sakemm f'Marzu li għadda, wara li l-każijiet kienu żdiedu bil-bosta, erġajna koppi.

Ovvjament, fhimna r-raġunijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa li kellhom responsabbiltà kbira sabiex iħarsu saħħet il-poplu, imma xorta kien ta' swied il-qalb li festi tant għeżież bħall-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir kellna narawhom fuq YouTube jew Facebook. Naħseb li kulħadd kelma waħda kien: veru li permezz tal-mezzi moderni stajna nsegwu kollox b'mod dirett, imma m'hemmx paragun ma' li tkun preżenti fiżikament fil-Bażilika.

Issa li jidher li s-sitwazzjoni ġejja għall-aħjar, ma jixraqx li nibqgħu nsegwu onlajn, imma nagħmlu kuraġġ u nerġgħu nibdew nattendu, għaliex bħala Nsara ċ-ċelebrazzjonijiet għandna ngħixuhom bħala komunità fil-Knisja.




# SAĊERDOTI ĠORĠJANI LI QED JAQDU L-KNISJA UNIVERSALI (1)

Mons. Ġużeppi Farrugia

Bħalissa l-Parroċċa ta' San Ġorġ għandha tliet saċerdoti tagħha li qed iwettqu ħidma 'missjunarja' f'artijiet oħra: l-Arċisqof Alfred Xuereb bħala Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja, u l-eks Arċipriet Ġużeppi Farrugia fi Franza u Dun Tonio Galea f'Ruma bħala *fidei donum*. Dan barra r-reliġjużi rġiel u nisa li qed jgħixu l-vokazzjoni tagħhom f'komunitajiet f'Malta u barra minn Malta. Ma tgħoddhomx is-saċerdoti u reliġjużi mill-parroċċa tagħna li matul l-istorja ħadmu fl-għalqa tal-Mulej lil hemm minn xtutna. Huwa ministeru prezzjuż li mhux biss jixhed għall-universalità tal-Knisja imma wkoll għas-sejħa komuni tal-imgħammdin li nkunu *dixxipli missjunarji*, kif jissuġġerilna l-Papa Franġisku.

Tkun ħaġa sabiħa li bħala membri tal-parroċċa nsostnu mhux biss bit-talb imma bl-interess tagħna l-ministeru pastorali ta' dawn is-saċerdoti tagħna li qed jaqdu fi rkejjen oħra tal-Knisja. Għalhekk tlabniehom jaqsmu magħna xi impressjonijiet tagħhom – ibda minn **Mons. Dr Ġużeppi Farrugia**, li kien Arċipriet tal-Bażilika Ġorġjana bejn l-1998 u l-2007, u li sa mill-2017 ilu jaqdi fil-Parroċċi ta' Mallemort, Charleval, Vernegues, Alleins u Roque d'Antheron, fi Franza. Fl-20 ta' Settembru 2019 hu ġie maħtur mill-Arċisqof Christophe Dufour bħala Amministratur Parrokkjali tal-Unità parrokkjali ta' Pélissanne, Lançon-Provence, Aurons u La Barben.



Dalwaqt ikunu għaddew erba' snin minn mindu nżilt fl-Ajruport ta' Marsilja fil-bidu ta' esperjenza missjunarja li la qatt ħsibt li nagħmel u wisq inqas ippjanajt.

Kien nhar it-Tlieta tal-Ġimgħa tal-Festa ta' San Ġorġ, f'Lulju 2017, li skoprejt fil-folder tal-emails ittra mibgħuta mill-Arċisqof ta' Aix-en-Provence u Arles lill-Isqof Mario Grech b'talba għal saċerdoti biex jaħdmu f'dik li aktar tard skoprejt li kien pjan missjunarju ta' rievenġelizzazzjoni tal-aktar parti atea ta' Franza.

L-ittra kienet bl-Ingliż. Ċempilt fuq in-numru tat-telefon indikat u weġibni leħen bil-Franċiż, imma li għal mistoqsija li għamilt dlonk qaleb għall-Ingliż. Kont lest li mmur imma ma kontx naf il-Franċiż. "Lest li titgħallmu?". Ħaġa ovvja. Ġimgħa wara kont Franza biex niltaqa' mal-Arċisqof. Daqs xahrejn wara kont l-ajruport fi triqti lejn id-dar ġdida tiegħi.

Il-parroċċa magħżula biex ngħix fiha kienet ta' Alleins, parroċċa tal-kampanja fost il-ħames parroċċi li kelli naħdem fihom. Mill-ewwel ittendejt li ħajti kienet se tinbidel sew. Jien, li nħobb tant in-nies u li mingħajr Pjazza San Ġorġ ma ngħaddix, sibt ruħi f'raħal dormitorju, b'ħanut tal-kafè antik u ieħor tal-gazzetti, rivisti u affarijiet ta' kuljum u forn. Kellu wkoll supermarket żgħir.

Il-bidu ma kienx faċli. La kont naf il-lingwa u lanqas il-post. Fid-dar, kbira u kważi vojta ħlief għal xi mobbli essenzjali, kont waħdi. Minbarra l-ħafna imbarazz, il-pjanterran kien infestat bil-ġrieden. Fir-raħal ma kont naf lil ħadd.

Il-qassis appuntat biex isegwini sabli karozza li kienet timxi, iva, imma li postha kellu jkun mhux it-triq imma mużew. Mill-għada li wasalt Franza kelli nibda nsuq 45km minn Alleins lejn Aix u lura, biex nagħmel kors intensiv fl-Alliance Française. Kont għadni qatt ma soqt karozza barra minn Malta u wisq inqas fuq il-lemin. Uġigħ ta' ras taqsam, talb lil San Ġorġ u lil Ta' Pinu li ma mmurx noqtol lil xi ħadd, imma determinazzjoni li nsuq bil-veloċità tiegħi minkejja l-ħornijiet ta' dawk li riduni ntellagħha għad-disgħin tagħhom. L-uġigħ ta' ras dam tlett ijiem.

Imma jien, meta nieħu deċiżjoni, ma tantx inħares lura u qatt ma nikkonsidra l-possibbiltà li dak li nkun dħalt għalih ma nagħmlux. Barra minn hekk il-fidi u t-talb qatt ma fallewni.



Intant, il-jiem bdew isiru xhur. L-erba' darbiet fil-ġimgħa bi tliet sigħat u nofs ta' skola tal-lingwa kull darba, flimkien mal-istudju tal-quddiesa bil-Franċiż bl-għajnuna ta' YouTube, wassluni biex f'xahar nibda nqaddes waħdi. Fejn qabel il-knisja kienet tkun dejjem magħluqa, issa bdiet tiftaħ għall-quddiesa kuljum. Intant in-nies tar-raħal bdew jidrawni niġri 'l hawn u 'l hemm. Bdew isellmuli u jien nirrispondi b'tixjira u tbissima.

Sal-Milied kont rajt ruħi sew.

***

Sirt naf li l-provinċja Franċiża li fiha sibt ruħi hi l-aktar waħda atea tal-pajjiż. B'dan intbaħt xi ftit mill-fatt li n-nies ftit li xejn jiġu għall-quddiesa. Għall-quddiesa ta' matul il-ġimgħa fil-knisja jkun hemm tliet persuni u f'eċċezzjonijiet jistgħu jitilgħu sa għaxra. Għall-quddiesa tal-Ħadd, li f'Alleins issir is-Sibt filgħaxija, ikun hemm bejn l-għaxra u l-għoxrin. Fis-sajf jiżdiedu b'dawk li jiġu villeġġjatura.

Sirt naf li, sakemm ġejt jien u b'ċerti diffikultajiet bdejt niftaħ il-knisja kuljum il-ġurnata kollha, għal ħafna snin din kienet tinżamm magħluqa. Kienet tiftaħ biss, bħall-knejjes Protestanti, għall-quddiesa tas-Sibt.

Il-knisja kienet tieħu ħsiebha waħda mara anzjana, armla, li qaltli, b'ċerta kburija, li ta' kull sena, nhar il-Ġimgħa l-Kbira kienet iżżommha miftuħa l-ġurnata kollha. Kienet iġġib l-ikel magħha u toqgħod fiha minn filgħodu sa filgħaxija. Għaliex?, staqsejtha. Minħabba l-ħallelin, qaltli.

Minn mindu wasalt Alleins, jien ridt inżomm il-knisja miftuħa, imma l-ftit Kattoliċi tal-post ma ħallewnix, waħda minħabba li n-nies tal-post ma kinux iħobbu l-Knisja u l-oħra għax il-knisja dejjem jafuha magħluqa. Sintendi, jien qgħadt għal dan ir-raġunament. Dawn kienu nies tal-kampanja u l-Kurat tal-unità parrokkjali li minnha Alleins tagħmel parti qalli li mhux lakemm tibdlilhom fehemthom. Imma jien bdejt infittex kull okkażjoni biex nagħmlu pass 'il quddiem.

L-aqwa okkażjoni ġiet f'Diċembru 2017. Għodwa waħda dħalt fil-knisja għall-quddiesa u sibt armat fiha presepju tradizzjonali kbir. Għall-quddiesa kien hemm tliet persuni u jiena fraħtilhom kif kont naf. Wara l-quddiesa, xħin is-sagristana ġiet biex tagħlaq il-knisja, għidtilha, bil-ftit Franċiż li kont akkwistajt, li bil-knisja magħluqa l-presepju ma kien jista' jarah ħadd. Għexieren ta' tfal jgħaddu kuljum minn quddiem il-knisja għall-iskola. Staqsejtha jekk riditnix inżomm jien il-knisja miftuħa sakemm jgħaddu t-tfal tal-iskola. Basta toqgħod fil-knisja, qaltli. U ftehimna.

Minn dakinhar il-folja bdiet tinqaleb, l-aktar meta wara l-quddiesa tas-Sibt filgħaxija, is-Sindku daħal fis-sagristija biex jirringrazzjani, quddiem is-sagristana, talli kont qed inżomm il-knisja miftuħa. Minn dakinhar sal-lum il-knisja tinsab miftuħa minn filgħodu sa filgħaxija. U ħadd ma seraq minnha.

***

Il-knisja dejjem magħluqa fl-ikbar pjazza tar-raħal kienet wieħed mis-sinjali ta' ċertu ateiżmu li hu mifrux ħafna f'dan ir-reġjun, antikament Kattoliċissmu. L-ateiżmu li hawn fl-inħawi fejn ngħix jien hu aktar ateiżmu prattiku milli deliberat, jiġifieri b'għażla filosofika.

Beda bħala indifferentiżmu imma huwa wkoll konsegwenza ta' snin ta' sekularizzazzjoni tal-kultura lokali, ta' isqfijiet u qassisin li tilfu l-kuntatt mal-persuna umana u bla dubju ta' injoranza reliġjuża.

Hawnhekk kważi kulħadd jiddefinixxi ruħu "Kattoliku", imma dlonk iżid li mhux "prattikant", li biha jifhmu jgħidu li ma jiġux għall-quddiesa. Ġeneralment lit-tfal jgħammduhom u l-funerali fil-knisja huma ta' spiss. Madankollu huma nies twajba u, għalkemm riservati, meta jilqgħuk jiftħulek darhom beraħ.

Wara aktar minn tliet snin fi Franza, issa li l-lingwa qbadtha sew u sirt naf bosta nies mill-erba' – anzi ħames – parroċċi li fihom naħdem, ċerti aspetti tal-ħajja pastorali saru inqas diffiċli. Il-kuntatti personali kibru. L-iċken aċċenn ta' ħbiberija naħtfu biex insir naf il-persuna u niftaħ kuntatti ġodda. Qatt ma nirrifjuta stedina għall-ikel, anki meta ma nkunx tant nista'. Xi drabi anki mmur fil-kafetterija biex ngħid kelma.

Dak li għadu diffiċli hu kif nidħol f'kuntatt ma' nies li mhux biss ma jiġux il-knisja imma lanqas jidhru fl-inħawi tagħha. Hawnhekk m'hawnx kultura tat-tħabbit fuq il-bibien u l-karti stampati fil-kaxxa tal-ittri ma jħobbuhomx. Dawk reliġjużi, imbagħad, iqisuhom bħala karti affront lil-lajċità tal-pajjiż. Il-lajċità tal-Franċiżi tant daħlet fil-fond li anki l-Kattoliċi nfushom huma favur tagħha, għal diversi raġunijiet, fosthom dik li huma jaraw bħala l-Iżlamizzazzjoni tas-soċjetà.

Hija tabilħaqq Knisja missjunarja din li ninsab fiha u li fiha qed inservi b'sodisfazzjon spiritwali kbir, mhux biss tiegħi.



# "ENCOMIUM IN SANCTUM MARTYREM GEORGIUM" (1)

## PRIETKA TA' SANT'ANDRIJA TA' KRETA (C. 650–C. 712, 726, 740) DWAR SAN ĠORĠ MARTRI



Traduzzjoni ta' Mons. Ġużeppi Gauci

Din il-prietka ġiet maqluba mil-Latin minn Mons. Ġużeppi Gauci mill-ktieb *S.P.N. Andreæ, Cretensis Archiepiscopi opera quæ reperiri potuerunt omnia. Accedunt Joannis Malalæ, Theodori Abucaræ Carum Episcopi, scripta tum historica, tum ascetica quæ supersunt; accurante et denuo recognoscente J.-P. Migne, Bibliothecæ Cleri Universæ sive cursuum completorum in singulos scientiæ ecclesiasticæ ramos editore – Tomus Unicus*. It-traduzzjoni għal-Latin mill-oriġinal Grieg, flimkien ma' xi noti importanti, saru minn San Xmun Metafraste (c. 987), qaddis tal-Knisja Ortodossa, aġjografu Biżantin tas-seklu għaxra, kif insibu fil-ktieb *De Probatis Sanctorum Historiis, partim ex tomis Aloysii Lipomani, doctissimi Episcopi, partim etiam ex egregiis manuscriptis codicibus quarum permultæ antehàc nunquàm in lucem prodière, nunc recens optima fide collectis per F. Lavrentivm Svrivm Carthvsianvm, Tomus Secundus, complectens sanctos mensium Martii et Aprilis, Monasterij Murensie, Coloniæ Agrippinæ, Anno MDLXXI.*



Huma tassew dejjem sbieħ u mfaħħra minn fomm kulħadd it-tifkiriet tal-qaddisin martri; minn ta' quddiem hu tassew glorjuż u ta' min ifaħħru l-qaddis li qed infakkru llum. It-tifkira tal-Martri tal-lum mhux biss fiha l-imitazzjoni ta' dak kollu li bata l-Mulej, imżejna bit-taqbida tal-atleta, u msebbħa wisq aktar bis-sbuħija taż-żmien tar-rebbiegħa, imma wkoll fiha s-sħubija abbundanti fil-ferħ li joħroġ mill-aqwa jiem ta' festi tal-Mulej. Għalhekk, bejn dawn il-jiem hemm bħal bejn żewġt ixmux, li biċ-ċaqliq tagħhom fid-dinja jdawlu l-univers kollu, bħal qamar imdawwal mis-sbuħija tat-tnejn flimkien, u bir-raġġi ta' dawk li jimitaw lil Kristu jdawlu d-dinja kollha. Tal-ewwel fl-ordni, iddawwal u minnha jitnisslu leħħiet li jiddu mill-aqwa, u warajha mill-ewwel jew aħjar bi tkomplija tagħha hemm is-Solennità ta' Ġorġi, dak il-jum ta' festa ċċelebrat mid-dinja kollha, u għal kulħadd mill-isbaħ u mill-aqwa.

Dan huwa jum ta' tisħib, kif irrid ngħid, fi Kristu Feddej, Alla veru u Mulej tagħna, u Prinċep tal-martri, li bata fuq is-salib u qam mill-mewt: li għalina sar bniedem, u għas-salvazzjoni tagħna, kif qal l-Appostlu, *"xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzju Pilatu"* (1 Tim 6:13). U b'dak kollu li bata tana r-rebħa fuq il-mewt, u fl-istess ħin, meta wara dan kollu seħħ it-Tlugħ fis-Sema tal-istess Kristu, f'dak il-jum lilna *"qegħedna fis-smewwiet"* (Efes 2:6) meta fih in-natura umana tagħna qagħdet fil-lemin tal-Missier tiegħu. Dan ukoll ma kienx xi ġrajja umana li seħħet b'kumbinazzjoni, imma hi turija tal-ħidma kollha mħabba ta' Alla: b'dan il-mod, mingħajr dubju ta' xejn, dak li minħabba fih daħal għall-martirju, ried juri biċ-ċar l-akbar imħabba tiegħu; u bħala atleta, mhux biss b'dak li bata, iżda wkoll fl-istess jum li fih bata, ried juri xebh mill-aqwa ma' Kristu.

Din l-istess ċelebrazzjoni tiġi qabel l-oħrajn kollha li fihom matul is-sena sħiħa tingħata qima lill-qaddisin martri, għax hi din biss li wara l-Qawmien glorjuż ta' Kristu, fi żmien ir-rebbiegħa, tispikka fis-sbuħija tagħha. Għalhekk, mela, huwa tassew xieraq li nfissru kif imiss il-ferħ taċ-ċelebrazzjoni tal-atleta bil-ġieħ kollu tagħha. Huwa tassew xieraq għal din iċ-ċelebrazzjoni kemm is-smigħ tal-kelma li ssalva, kemm kull azzjoni ta' qima divina. Għall-Griegi u għall-pagani, kif ukoll għall-oħrajn kollha fejn kien jaħkem



l-iżball tal-idolatrija, għandu jingħad li s-siwi u l-ferħ tal-festi kien jikkonsisti billi b'kull ħażen u b'nuqqas ta' rażan, kienu jqimu lid-demonji. Imma lilna ngħatalna l-istendard tas-salib kontra l-mewt, biex inkunu nistgħu f'kull taqbida nwarrbu u neħduha kontra dak li minnu għandna nistħu. Minħabba f'hekk, it-telqa għax-xewqat ħżiena bdiet titqies bħala okkażjoni ta' min jistmerrha, imma l-prattika tal-virtù u l-mewt milqugħa minħabba l-qdusija saru għażliet kollhom ħlewwa. B'hekk ġara li l-iżball tal-idolatrija beda jintefa u deher jiddi l-martirju tal-popli; ġara wkoll li ħafna persuni qaddisa ħarbu d-dinja u żejnu s-Sema bħal kwiekeb jiddu bi qdusithom; seħħ ukoll li d-dinja bdiet tiċċelebra festa bla waqfien bir-rebħiet tal-martri filwaqt li tqim ir-relikwi tagħhom, b'laqgħat pubbliċi tfakkar it-taqbidiet tagħhom, u dak l-isem li ma jistax jingħata lil ħaddieħor, u li kien ittieħed mill-idoli qarrieqa, beda jingħata l-qima li tixraqlu. Għalhekk dak Alla u Feddej ta' kulħadd, li jaħkem fuq iż-żminijiet, minħabba dik l-imħabba tiegħu għall-bnedmin ried li n-natura umana turi ruħha rebbieħa fuq dak li qabel kienet tqim bħala alla, u bl-istess mod tqisu mejjet u mhux ħlief mirfus mis-saqajn tal-bniedem.

Mela, ladarba l-ġenn u d-dlam tal-idoli dakinhar xtered sewwa mad-dinja kollha, kif ukoll kważi mela dawk l-inħawi fejn ħadd ma kien jgħammar, u tista' tgħid wassal lil kulħadd fit-triq tal-ħażen, ġara li lkoll, mexjin fil-għama tiegħu, waslu biex insew għalkollox lil dak li hu tassew Alla, u nħakmu għalkollox b'rabta qawwija mid-dlamijiet ta' lejla sfiqa u ħafna taw qima lid-demonji. Hekk ukoll matul il-jiem bdew jitfaċċaw dehriet bla sens bħal mirakli li jwerwru u jwasslu għas-superstizzjoni. Fuq kollox, imbagħad, dehru l-mexxejja tal-ħażen li kienu tassew esperti f'din il-ħidma kollha: Djoklezjanu u miegħu Massimjanu li flimkien ma' ħafna ajjutanti tagħhom imxerrdin mad-dinja kienu ħsiebhom biss biex jaraw kif jivvintaw kull xorta ta' ħażen biex jiġbdu ħafna lejn għemilhom. *"Dawn ma għandhom ebda tbatija, qawwijin u sħaħ f'ġisimhom"* (Salm 72:4), għax imxew il-ġirja tagħhom fid-dawl tan-nar tiegħu, *"m'għandhomx taħbit bħall-bnedmin tad-dinja"* (ibid.). U filwaqt li Alla bis-sabar bla waqfien tiegħu lil dawn kien iżommhom fil-ħajja, dawk li kienu ġusti setgħu juru ruħhom fid-dieher biex ma jiġrix li n-natura dgħajfa tal-bniedem tintilef għal dejjem bħal qamħ li jinqata' flimkien mas-sikrana.

Imbagħad, bħal stilla sabiħa li matul il-jum tleħħ id-dawl ferrieħi tal-qdusija, deher jiddi fis-sbuħija tiegħu Ġorġi, li hu msebbaħ hawn u minn kull leħen, kollu ħlewwa f'għemilu u f'ismu, għax Ġorġi, f'għażla divina u fil-ħidma tal-grazzja, wera fih innifsu tweġiba xierqa. Hu fittex li jimita lil Issakar li *"ra l-post tajjeb għall-mistrieħ u l-art sabiħa"* (Ġen 49:15) għall-biedja divina. Dak li kien jitgħaxxaq bil-kultura tax-xogħol, għamel dejjem skont dak li nkiteb: *"Tobgħodx ix-xogħol ta' tbatija, jew xogħol ir-raba' li nħalaq mill-Għoli"* (Sir 7:15). Dak li sa minn tfulitu ħadem bħal bidwi tajjeb, fi żmienu ta lill-Mulej il-frott mill-aħjar għal mitt darba aktar. Dak li ħaddem il-moħriet tal-virtù u mexxieh f'raddiet dritti ta' qdusija ħelwa, instab tassew addattat għas-Saltna tas-Sema. Dak li żera' fid-dmugħ, ġabar il-ħsad bil-għana ta' ferħ. Dak li bil-biki xerred iż-żerriegħa, b'għana ta' ferħ ġarr il-qatet f'idejh. *"L-art [maħduma sewwa] tixrob ix-xita [tal-Ispirtu s-Santu] li sikwit taqa' fuqha; jekk hi tagħti wċuħ tajba lil dawk li għalihom tinħadem, hi jkollha l-barka ta' Alla"* (Lhud 6:7), għal dawk li jaħsdu bil-fidi. Dik il-għalqa li tfewwaħ ħafna, u li fiha l-fjuri tal-qdusija kibru tassew, u li minnhom joħorġu l-ħlewwiet tal-għasel, hi s-saħħa tar-ruħ. Dak hu s-siġra tajba mħawla ħdejn (ara Salm 1:3) in-nixxigħat tal-ilma tal-Ispirtu s-Santu, li dejjem tħaddar u li dejjem tagħmel il-frott misjur tal-virtù u li ssaħħaħ ir-ruħ ta' dawk li jirċevuh bil-għaqal. Hu fergħa li tagħti ħafna frott f'dik id-dielja li tagħha l-Missier tas-Sema hu l-bidwi (ara Ġw 15:1) li jikkura b'attenzjoni biex lilna jwassal il-ħlewwa





tagħha li tfejjaq il-ġibdiet ħżiena u l-vizzji kollha, u ġġedded lir-ruħ u lill-ġisem. Dan hu l-għajn ta' nixxigħat divini li bihom ruħ id-dielja tissaqqa u tikber; u tagħti l-frott tat-Trinità kollha mħabba, it-tliet virtujiet tal-fidi, tama u mħabba. Dan hu dak li jġib 'il quddiem il-pjani divini, jew aħjar l-għalqa ta' Alla, li fiha l-grazzja tal-qdusija ġiet imħaddma, kif ukoll fejn ħafna għeġubijiet divini twettqu għall-ġid ta' kulħadd.

Iva, kemm-il darba s-sejħa tal-isem kienet tfisser b'mod ċar il-grazzja ta' Alla u l-virtù tal-istess bniedem. Dan kollu tgħallimnieh f'Abraham u Sara, ukoll f'Iżakk u Ġakobb, f'Mosè, u f'ħafna oħrajn. Dan kien ukoll, fl-isem u fl-għemil, Ġorġi. Dan, bħal warda f'nofs ix-xewk, deher f'dawk iż-żminijiet, u bħal ġilju b'riħa ħelwa ta' qdusija deher ifewwaħ f'nofs l-intiena tal-idolatrija. Kellu jikber bħal ċipress f'għalqa xagħrija mimlija xewk li jbeżżgħek, bħal żebbuġa li ddellel fid-deżert jew bħal palma li tagħti ħlewwa lill-frott li darba kien morr, jew bħal qamar mimli li jixħet ir-raġġi tiegħu f'lejl mimli dwejjaq; jew bħal torċa li ddawwal id-dlamijiet ta' dawk li jiġġerrew fil-mewġ tal-ħażen, jew bħal stilla ta' filgħodu f'nofs is-sħab skur, bħal xemx li tixħet dija ferrieħa f'nofs ċpar mill-aktar sfiq.

U jekk ukoll tfittex minn fejn tnissel, jew dwar in-nobbiltà ta' razztu, dawn issir tafhom minn leħen mibgħut, dan hu iben Alla jew ta' dik Ġerusalemm tas-Sema li hi ħielsa; hekk qal dak id-dixxiplu verġni: *"Lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu"* (Ġw 1:12). Hekk kien Ġorġi, li ta xhieda tan-nobbiltà ta' nislu bil-fatti.

U għax naf li tixtieq tagħrif dwar in-nobbiltà dinjija tiegħu, se ngħidlek: pajjiżu kien ir-reġjun tal-Kappadoċja, l-omm li nisslitu l-Palestina, Nisrani minn familtu, ta' età żagħżugħa, immexxi mill-għerf u ta' qalb safja, bit-tnejn imħeġġeġ u attiv kontra l-ħażen, martri tal-qdusija. Kien tassew magħruf sa minn tfulitu fl-użu tal-armi tat-taqbida u għax fl-istess ħin kien juri ħafna għaqal u eżattezza fil-qawwa meħtieġa mill-eżerċtu waqt xi gwerra, ġie lilu fdat l-ordni ta' tribun militari. U billi deher jamministra din il-kariga b'mod tassew xieraq u f'kollox kien iġib ruħu bil-għaqal, aktar ma rnexxielu jikseb esperjenza fl-arti tal-gwerra, aktar kiber fil-grad tal-kariga tiegħu. U tassew, filwaqt li kien iwettaq dmirijietu, li ġew fuqu bħala wirt ta' missirijietu, issieħeb b'ħidmietu ma' dak li dakinhar kien l-Imperatur, u ġralu kif ġara darba waħda lil Sawl, bin Ċis, li waqt li kien qed ifittex il-ħmir (ara 1 Sam 9:20), sab is-saltna tal-art. U dan għax waqt li kiber fil-grad ta' ġieħ tad-dinja, sab is-Saltna tas-Sema; u kiber aktar, għax laqa' l-post għoli mhux mistenni aktar minn dak li kellu f'moħħu.

Għalhekk, meta wasal f'dak il-post fejn ra 'l Alla ddisprezzat u lid-demonji meqjumin, m'għamel xejn mill-ewwel, bniedem imħeġġeġ kif kien b'żelu qaddis, imma ftakar fi kliem David: *"Nara 'l dawk li ħallewk u nistkerrahhom"* (Salm 118:158), kif ukoll: *"Tifnini l-ħeġġa tiegħi, għax insew kelmtek l-għedewwa tiegħi"* (Salm 118:130). Hu ftakar ukoll fi kliem il-Mulej li qal: *"Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet"* (Mt 10:32). Mixgħul b'ħeġġa divina u mqanqal b'dawn il-ħsibijiet bħal b'sejf jaqta', ħaffef



biex iwettaq malajr il-wegħdiet divini tiegħu, u bl-istqarrija f'Alla, kif kien xieraq, fittex li jsir xhieda tal-istess Alla.

U biex il-ħafna ġid ta' din id-dinja li kellu ma jkunlux ta' tfixkil biex jidħol mill-bieb id-dejjaq, kif ukoll biex b'qawwa akbar ikun jista' jħejji ruħu għall-martirju, Ġorġi ra li kien xieraq li jinqeda kif kellu jkun u bil-għaqal b'dak il-preċett li darba waħda l-Mulej, bħala għalliem tat-taqbida Nisranija, mar jagħti lil dak iż-żagħżugħ għani, meta qallu: *"Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-Sema; imbagħad ejja u imxi warajja"* (Mt 19:21). Tassew, dak li ż-żagħżugħ imsemmi qabel, minħabba d-dgħufija u l-biża ta' ruħu, ħalla jgħaddi, l-ieħor wettaq bi spirtu mħeġġeġ u għaqli, fittex iqassam il-għana li kellu, u b'hekk, minn idejn il-foqra, irnexxielu jixtri l-ġawhra tiswa ħafna tas-Saltna tas-Sema, kif ukoll għamel tiegħu t-teżor li ma jistax jiġi nieqes, u fih innifsu ħejja qalb għalkollox marbuta mal-ġid tas-Sema.

Mela, biex jirbaħ għalkollox ix-xeħħa li hi l-għajn ta' kull taħsir spiritwali, hi qawwa djabolika, u tfixkil fit-taqbida, u b'hekk seta' jirbaħ din l-ewwel kuruna kontra x-xitan tal-ħażen, u fl-istess ħin ikollu għajnuna għal rebħa aqwa, megħjun ukoll mill-arma tat-talb tal-foqra, ħaffef, kollu tama, lejn l-aqwa rebħa; b'fiduċja ta' ljun refa' salibu, u ġera 'l quddiem lejn it-taqbida kontra l-ħażen. Ġorġi, ta' raġel għaref, kien jaf dak li nkiteb: *"Ir-rgħib għall-qligħ inkwiet f'daru jġib, imma min jobgħod it-tixħim jgħix aħjar"* (Prov 15:27), tassew kien jaf li dawn huma ta' tfixkil għar-rebħa. Fuq kollox, hu tassew veru li *"l-karità teħilsek mill-mewt u tnaddfek minn kull dnub"* (Tob 12:9). *"Iktar minn tarka*

*b'saħħitha jew lanza tqila, il-karità tiġġieled għalik mal-għadu tiegħek"* (Sir 29:13), hekk qal Ġesù Bin Sirak.

Kien għalhekk li Ġorġi ħareġ armat biex jiġġieled fit-taqbida bil-qawwa tal-ħniena, u mimli fit-tama, u fuq kollox mingħajr ebda armatura tal-ġisem imma b'dik tal-Ispirtu, kif għallem sewwa Pawlu l-Appostlu: *"Ħażżmu ġenbejkom bil-verità, ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja, u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa tal-Evanġelju tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla"* (Efes 6:14-17).

Mela Ġorġi saħħaħ lilu nnifsu b'din l-armatura spiritwali li ma tidhirx, *"għax il-ġlieda mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet"* (Efes 6:12). Armat b'dawn l-armi spiritwali mar jitqabad kontra l-għedewwa spiritwali, kważi jgħajjat kliem l-istess Appostlu: *"L-armi tagħna għall-ġlied mhumiex tad-dinja; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi"* (2 Kor 10:4).

Għalhekk, malli talab l-għajnuna tas-Sema lil dak li għall-kawża tiegħu kien qed ifittex li jagħti xhieda, u li kien dejjem imexxi bil-qawwa tiegħu lil dawk li jidħlu għat-taqbida, Ġorġi, imqanqal ukoll minn korla naturali, għamel tiegħu l-ħeġġa tal-Profeta Elija, u bir-raġun kollu għajjat b'leħen għoli li *"bl-armi tal-ġustizzja fuq il-lemin u fuq ix-xellug"* (2 Kor 6:7) kien se jeħodha kontra l-inġustizzji kollha. Malajr mar fejn seta' jsib lil dawk l-imperaturi li kienu qed jagħmlu minn kollox biex jaħkmu bil-qawwa tal-ħażen. Dawn kienu qed jinqdew bis-setgħa li kellhom kontra kull min kien jeqfilhom, u għalhekk fl-inħawi pubbliċi tal-ibliet dehru għadd kbir ta' strumenti tat-tortura lesti biex jintużaw mhux kontra min jikser il-liġi, imma kontra min jixhed għall-qdusija. Ilkoll, ta' kull età u razza u ġens u lingwa, ġew imdawrin bl-armi, bil-ħżiena jgħajtu u jrossu fuqhom u jhedduhom li jekk xi ħadd isemmi lil Kristu, jinqered fost ħafna tbatijiet bla ħniena. Qalb dan kollu, Ġorġi, imħeġġeġ mill-Ispirtu s-Santu, fuq l-eżempju tal-Makkabew ġralu li *"tqanqlu ġewwenih, u far bil-qilla kif trid il-Liġi"* (1 Mak 2:24), u bħal iljun jgħajjat, b'ħarsa soda u qalila, bla ma ta kas tat-theddid li kien qed jinstema', resaq bil-ħeffa fin-nofs u b'leħen ċar stqarr li hu Kristjan u bil-miftuħ beda juri kemm kienet tassew nobbli r-reliġjon Nisranija.

O ruħ tassew mimlija bl-imħabba ta' Alla, mirbuħa għalkollox minn din l-imħabba divina u li setgħet tistqarr mal-Appostlu: *"Aħna boloh għal Alla"* (2 Kor 5:13). O isem tassew qaddis li, minħabba l-istess tifsira vera tiegħu, ħadem l-għalqa ta' Kristu, laqa' ż-żerriegħa mis-Sema u għal żmien twil ħallieha tikber f'qalbu, biex fil-milja taż-żmien tat lura l-frott xieraq. Irrid ngħid, isem li, kif ġie milqugħ, Ġorġi tqaddes, l-anġli mis-Sema semmgħuh b'leħinhom, l-arkanġli ħabbruh bħala għajn ta' ġid, u l-Qawwiet kollha tas-Sema baqgħu mistagħġba bih. U meta Alla, is-Sid tal-univers, għaddieh mill-prova, sabu fidil, tant li bl-akbar ħeffa resaq lejh bl-għajnuna, u minħabba l-merti tiegħu ħejjielu l-kuruna tar-rebħa atletika li ma titħassarx. Imma l-folla tal-ħżiena baqgħet mistagħġba, u filwaqt li semgħet leħen ix-xitan fl-Imperatur, irċeviet il-ferita tal-mewt.

*...jissokta fil-ħarġa li jmiss*

## IL-PRINĊEP FILIPPU, DUKA TA' EDINBURGH F'FUNERAL FIL-KAPPELLA TA' SAN ĠORĠ

Fid-9 ta' April 2021, wara ħajja twila ta' 99 sena, miet il-Prinċep Filippu, Duka ta' Edinburgh, ir-raġel tar-Reġina Eliżabetta II tar-Renju Unit u l-Gran Brittanja. Huma kienu ilhom miżżewġin 73 sena, l-itwal perjodu fl-istorja tal-monarkija Ingliża.

Il-Funeral tiegħu, minkejja r-restrizzjonijiet tal-pandemija, inżamm b'dinjità spettakolari segwita mid-dinja kollha fil-Kappella ta' San Ġorġ ta' Windsor, il-kastell residenzjali u tant għal qalb il-Familja Rjali Ingliża, fejn huma midfuna bosta monarki kbar. Il-funzjoni solenni, imħejjija minnu sal-iċken dettall, saret is-Sibt 17 ta' April fil-preżenza ta' ġemgħa ristretta ta' familjari, u tmexxiet minn Justin Welby, Arċisqof ta' Canterbury.

Ma setax jonqos li fost it-talbiet tassew sbieħ tar-Rit Anglikan tal-Funeral, spikkat lejn l-aħħar talba lil San Ġorġ, Patrun tal-Ingilterra u titular tal-Kappella li fiha l-Prinċep maħbub – li qabel Eliżabetta laħqet Reġina qattgħu flimkien l-ewwel snin feliċi tal-ħajja miżżewġa f'Malta fejn hu kien qed jagħti servizz fil-bażi militari Ingliża – kien se jindifen, u fejn għad tiġi midfuna wkoll martu, is-Sovrana tal-Ingilterra, wara mewtha.



Il-Prinċep Filippu ma' martu r-Reġina Eliżabetta, bl-ilbies ta' membri tal-Ordni prestiġjuż tal-Garter li jinkludi wkoll is-salib aħmar fuq sfond abjad mill-bandiera ta' San Ġorġ, Patrun tal-Ordni.

*O Lord, who didst give to thy servant Saint George grace to lay aside the fear of man, and to be faithful even unto death: Grant that we, unmindful of worldly honour, may fight the wrong, uphold thy rule, and serve thee to our lives' end; through Jesus Christ our Lord. Amen.*

O Alla, li tajt lill-qaddej tiegħek San Ġorġ il-grazzja li jwarrab kull biża' tal-bnedmin, u li jibqa' fidil sal-mewt: agħtina li nwarrbu kull ġieħ tad-dinja, nitqabdu kontra l-ħażen, inżommu l-liġi tiegħek, u naqduk sa tmiem ħajjitna; bi Kristu Sidna. Amen.

# TALBA TAL-ISQOF ANTON TEUMA

## QUDDIEM ĠESÙ EWKARISTIJA GĦALL-INTERĊESSJONI TA' SAN ĠORĠ





Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ
Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria
Il-Ħamis 22 ta' April 2021

Ħallina nilqgħuk b'idejna miftuħa, Mulej Ġesù, inti li lqajtna, li qiegħed hawn għarkupptejk quddiemna u qabilna.

Imliena bil-ħeġġa u bl-imħabba li dan iż-żagħżugħ qaddis, Ġorġi, kien mimli bihom u dawwal il-lejl mudlam bin-nar jixgħel ta' mħabba safja, imħabba inkundizzjonata, l-imħabba kbira li kellu għalik.

Agħtina, Mulej Ġesù, illejla, li nemmnu li dan il-qaddis qed iġorrna lkoll fi ħdanu u jressaqna sa għandek.

Agħtina llejla, Mulej Ġesù, li nħossu li lkoll kemm aħna mħaddnin, miġburin fl-idejn għażiża ta' dan il-qaddis tagħna, Ġorġi, li qiegħed iwassalna sa għandek, kull wieħed u waħda minna fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha.

Agħtina, Mulej Ġesu, li naraw f'idejn Ġorġi s-saċerdoti tagħna, b'mod speċjali s-saċerdoti ta' din il-parroċċa. Agħtina, Mulej, li nimtlew bil-ħeġġa, bl-entużjażmu, bl-ispirtu qaddis li din il-qalb taqbad u tħeġġeġ ta' dan iż-żagħżugħ qaddis kbir tkompli timmotivana għalihom, biex inkunu qaddejja umli, sempliċi u lesti nagħtu mhux biss il-ħin u l-enerġija, imma l-ħajja kollha tagħna għalik fil-poplu li int fdajtilna.

Agħtina, Mulej Ġesù, li nilmħu llejla f'idejn Ġorġi t-tfal tagħna, b'mod speċjali f'dan iż-żmien li qegħdin ngħixu: żmien bla direzzjoni, żmien fejn kulħadd irid jgħid tiegħu, żmien fejn kulħadd jidhirlu li għandu raġun, żmien li fih fil-veru sens tal-kelma tlifna l-boxxla. Agħtina, Mulej Ġesù, li nħarsu lejn dan iż-żagħżugħ, mudell għal tant popli matul tant sekli, bħala mudell għat-tfal tagħna.

Agħtina, Mulej Ġesù, li jħarsu lejn Ġorġi b'mod speċjali ż-żgħażagħ tagħna. Agħtina l-kuraġġ u l-qawwa li nkunu differenti. Agħtina l-għajnuna u l-enerġija biex ma nkunux 'bħall-oħrajn'. Agħtina, Mulej Ġesù, li nagħrfu u nifhmu li l-hena u l-kuntentizza tassew tagħtihomlna int, kif fehem dan il-qaddis kbir żagħżugħ Ġorġi.

Agħtina, Mulej, illejla, nitolbuk, koppji, għarajjes, miżżewġin żgħar mimlijin b'din l-imħabba li tħeġġeġ fil-qalb ta' dan il-qaddis: imħabba għalik u mħabba vera għal xulxin. Agħtina, Mulej Ġesù, dan id-don: agħtina mħabba li hija wisq ikbar mid-differenzi ta' bejnietna; agħtina mħabba li hi wisq ikbar mill-interessi personali ta' flus u ta' proprjetà; agħtina mħabba wisq ikbar minn dik li tħares biss lejn dak li ser nieħu jien; agħtina almenu mħabba li tasal sal-ġid veru tal-ulied, li kultant tant nistinkaw għalihom u mbagħad daqshekk faċli nabbandunaw u nitilqu.

Agħtina, o Ġesù, bl-interċessjoni ta' dan il-qaddis kbir, imħabba lejn il-familja, dik tagħna l-ewwel u qabel kollox. Agħtina li ma nħallu l-ebda wirt, l-ebda ġid tad-dinja jikser, jidħol fin-nofs, ifixkel il-ġid veru li għandu kull bniedem, li huma r-relazzjonijiet mal-oħrajn, b'mod speċjali r-relazzjonijiet fil-familja.

Agħtina, Mulej Ġesù, li jkollna l-imħabba ta' Ġorġi biex ma nabbandunawx lill-anzjani tagħna, ma 'nipparkjawhomx' f'xi dar biex neħilsu mill-piż u nkunu nikbru fl-egoiżmu. Agħtina, Mulej Ġesù, interess veru, imħabba vera lejn l-anzjani tagħna li tawna kultant kollox, anki lilna nfusna.

Agħtina, Mulej Ġesù, l-ispirtu ta' Ġorġi, li ma kienx jaf jagħmel ħlief ħaġa waħda: iħobb! U hekk verament dan iż-żagħżugħ ikun il-mudell tagħna. U hekk tassew ilkoll kemm aħna nikbru mhux biss fl-imħabba tiegħek, mhux biss fl-imħabba ta' xulxin, imma bħala bnedmin – irġiel u nisa – kif tixtieqna tassew int, kif kien l-għażiż Qaddis Patrun tagħna.



PROĠETTI



Andrew Formosa

# INKOMPLU NĦARSU WIRT IL-PARROĊĊA

Wara li fl-aħħar snin tlestew numru ta' proġetti ta' restawr fil-Bażilika, fosthom dawk tal-koppla minn ġew u l-pitturi laterali tal-Kor, inħass aktar minn qatt qabel il-bżonn li tinstab soluzzjoni għall-ħsarat li jħallu s-sħana u d-dħaħen mill-għadd ta' xemgħat li ta' kuljum jinxtegħlu b'devozzjoni quddiem xbihat qaddisa fil-knisja. Ġiet magħżula tip ta' xemgħa li taħdem permezz ta' batterija, imma li xorta tagħti l-effett ta' fjamma tmemnem u żżomm il-forma u l-kulur tax-xemgħa tradizzjonali li kulħadd imdorri biha. Ix-xemgħat ikunu jistgħu jittieħdu minn fuq mejda fit-tarf tal-korsija billi wieħed jagħmel offerta u mbagħad iqegħidhom fuq l-altar li jixtieq hu. Għalkemm is-sistema jidher li bdiet tindara, b'dispjaċir ġie nnutat li numru ta' xemgħat ġew meħuda minn persuni għall-użu personali: aġir deplorabbli, meta l-Parroċċa qed tagħmel dan l-isforz kollu biex tippreserva l-wirt artistiku.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ minn żmien għal żmien tapplika wkoll għal skemi ta' fondi ta' restawr li jtaffu mill-ispejjeż li jkollha toħroġ minn ġewwa. Minħabba l-fatt li diġà kien beda jsir restawr fil-Kappella ta' Ġesù u Marija,





u peress li anki l-kwadri hawn ġarrbu ħsarat, il-Parroċċa applikat b'suċċess għall-finanzjament mill-Good Causes Fund (Ministeru tal-Finanzi). Minbarra l-kwadru prinċipali tal-Altar ta' Ġesù u Marija, tal-artist Alessio Erardi (seklu 17), ittieħdu għar-restawr ukoll il-pittura ta' San Injazju ta' Loyola li tinsab fl-istess kappella, kif ukoll il-Fonti tal-Magħmudija l-antik tal-injam.

Intant, baqa' għaddej ix-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata tal-Bażilika. Bi pjaċir ġie nnutat li l-kampnar li kien iżżarma biex jitneħħa ċ-ċinturin tal-ħadid, issa reġa' tela'. Minflok iċ-ċinturin tal-ħadid, tpoġġiet struttura tal-i*stainless steel* biex ma tkunx ta' ħsara għall-istruttura tal-kampnar. Tkompla x-xogħol ukoll fuq ir-restawr u t-tibdil ta' ġebel fil-faċċata. Inħarġet mill-ġdid ukoll sejħa għall-offerti għall-illuminazzjoni tant meħtieġa tal-faċċata, il-kampnari u l-koppla. Ir-restawr tal-faċċata u l-illuminazzjoni huma kofinanzjati minn fondi tal-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat EkoGħawdex.



# ERBA' RABTIN FL-ASSEMBLEA TAL-1921




Il-Kan. Geoffrey George Attard




L-erba' Għawdxin fl-Assemblea Leġislattiva tal-1921. *Ħajr: John Cremona*

Is-sena 1921 hija sena sinifikattiva ħafna fl-istorja soċjo-politika tal-gżira Għawdxija. F'dik is-sena, erba' Għawdxin mill-Belt Victoria rrappreżentaw lill-gżira Għawdxija fl-Assemblea Leġislattiva. Dawn kienu Nerik Mizzi – li għalkemm imwieled il-Belt Valletta kien ġej minn familja ta' nisel Għawdxi, l-Avukat Ġużè Micallef, l-Avukat Sir Luigi Camilleri, u l-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili. Bil-ħatra tagħhom fl-Assemblea huma rabtu darba għal dejjem isem gżiritna mal-moviment nazzjonali li kien jopera bħala l-*Partito Democratico Nazionale*, li kellu l-għan li jtejjeb il-ħajja soċjali tal-poplu tagħna.

## Mixja lejn l-awtonomija

Sabiex wieħed jifhem sewwa l-importanza tal-ġrajjiet tas-sena 1921, hemm bżonn li qabelxejn ikun konxju mix-xewqa



Enrico Mizzi (fin-nofs) fl-ewwel żjara uffiċjali bħala Prim Ministru lill-gżira ta' Għawdex fis-7 ta' Ottubru 1950. *Ħajr: NAG*

tal-Maltin li jingħataw f'idejhom it-tmexxija ta' pajjiżhom, xewqa li tmur lura sewwa fiż-żmien, imma li bdiet tinħass aktar bil-qawwa hekk kif pajjiżna sab ruħu taħt tmexxija kolonjali ġdida bil-wasla tal-Ingliżi fl-1800. Kull min jistudja l-iżvilupp tal-istorja tal-Kostituzzjonijiet, jintebaħ kif ftit ftit din ix-xewqa kienet qiegħda dejjem tikber f'qalb il-Maltin. Ir-rivoluzzjonijiet li heżżew lill-Ewropa fl-1848 u waqqgħu minn fuq tronijiethom diversi prinċpijiet Ewropej komplew isaħħu f'qalb il-Maltin ir-rieda għall-awtonomija. Din ix-xewqa kienet ġiet espressa bl-aktar mod ċar fil-Kummissjoni tal-1812 li kienet talbet biex il-Maltin jibdew imexxu lilhom infushom. Kellhom jgħaddu 121 sena sa ma din ix-xewqa tibda sseħħ f'mixja li ntemmet biss fl-1964 bil-kisba tal-Indipendenza.

## L-erba' Rabtin

Ir-rabta tal-*Partito Democratico Nazionale* ma' Għawdex tmur lura għas-sena 1880 meta Fortunato Mizzi waqqaf il-Partit Anti-Riformista li kellu l-għan li jsaħħaħ ir-rabta ta' Malta mal-Italja. Mizzi tant ħadem favur pajjiżu li kien ġie mlaqqam il-"*Pater Patriæ* – Missier il-Patrija". Hu għadda dan l-ispirtu lil ibnu Enrico li hemm min jistqarr li kien aktar estrem u aħrax fl-imħabba tiegħu lejn l-Italja. Fortunato kellu rabtiet ma' Għawdex hekk li f'perjodu differenti kien inħatar President Onorarju kemm tal-Banda Il Leone u kemm ta' dik La Stella, it-tnejn tar-Rabat ta' Għawdex. Dan il-fatt jinsab iddokumentat f'ħarġiet diversi ta' *Il-Pronostku Malti*. Il-Familja Mizzi kellha wkoll dar tas-sajf fiż-Żebbuġ, Għawdex fejn kienu jżommu b'qima l-korp sant ta' San Fortunatu Martri, li aktar tard irregalawh lill-Parroċċa ta' Santa Marija fl-istess lokalità.

Nerik Mizzi (1885-1950) kien iben Fortunato Mizzi u Maria Sofia Fogliero de Luna. Għalkemm imwieled il-Belt Valletta, huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex. Waqqaf iċ-*Circolo Giovane Malta* u kien ukoll President tas-*Società Dante Alighieri*. Fl-1919 hu nħatar segretarju tal-Assemblea Nazzjonali li kellu wkoll iservi bħala delegat tagħha bejn l-1945 u l-1947. Fil-Belt Victoria nsibu triq imsemmija għalih.

Ġużè Micallef (1891-1940) twieled ir-Rabat ta' Għawdex nhar id-19 ta' April 1891 u attenda s-Seminarju ta' Għawdex u kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa ta' avukat fl-1919. Sentejn wara, hu rrappreżenta lil Għawdex fl-Assemblea tal-1921. Fl-1932 inħatar Ministru għall-Agrikultura u s-Sajd fil-Kabinett tal-Prim Ministru Sir Ugo Mifsud, il-predeċessur ta' Nerik Mizzi. 'Il quddiem hu kien Ministru tax-Xogħol. Minbarra l-ħidma tiegħu fil-politika, Micallef kien ukoll studjuż tal-ilsna Semitiċi. Kien imħarreġ sewwa fl-ilsien Malti u fl-ilsien Sirjak. Kien anki jikteb il-poeżija klassika. Fil-Belt Victoria nsibu triq imsemmija għalih. Kien jiġi ħu Dun Pawl Micallef li waqqaf l-Oratorju Don Bosco. Huwa wieħed mill-antenati ta' Mons. Feliċ Tabone, il-Vigarju Parrokkjali ta' San Ġorġ.

Sir Luigi Camilleri (1892-1989) twieled ir-Rabat ta' Għawdex, studja fis-Seminarju u ggradwa avukat mill-Università ta' Malta fis-sena 1913. Kien elett fl-Assemblea Leġislattiva fl-1921 flimkien ma' Nerik Mizzi, Ġużè Micallef u l-Arċipriet Dun Alfons. Inħatar maġistrat għal Għawdex fl-1924 u mbagħad fl-1930 inħatar imħallef. Kien President tal-Qorti tal-Appell mill-1952 sal-1957. Għall-ħidma tiegħu ngħata l-unur tal-Midalja tal-Ġublew tal-Fidda (1953) kif ukoll midalji oħra, u nħatar membru tal-Ordni Sovran Militari Ospidalier ta' San Ġwann fl-1952. Fil-Belt Victoria nsibu triq imsemmija għalih. *Sir Luigi Camilleri. His life and times* huwa l-isem tal-bijografija tiegħu rriċerkata u ppubblikata mis-Sur Andrè Zammit.

L-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili (1865-1943) twieled ir-Rabat ta' Għawdex nhar id-19 ta' Jannar 1865. Studja fis-Seminarju ta' Għawdex u ordna saċerdot minn idejn l-Isqof Pietru Pace fl-1888. Fl-1894 inħatar Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu; kien hu li flimkien ma' Karmni Grima ddetermina d-data ta' meta l-Madonna kellmitha u kien strumentali fit-tixrid tal-qima lejn il-Madonna fis-Santwarju tagħha Ta' Pinu. Serva l-uffiċċju ta' Lettur, Kantur u Arċipriet fi ħdan il-Kolleġġjata tal-Knisja Katidrali. Mal-għotja tat-titlu ta' Arċipriet hu sar effettivament Parrokku tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li kienet ilha magħquda mal-Kolleġġjata tal-Kastell sa mill-1688 u serva dan l-uffiċċju sa mewtu fl-1943. Ħabrek kemm felaħ biex il-koppla ta' San Ġorġ ma tibqax tambur – kif kienet għadha sa mit-terremot tal-1693 – imma tinbena wkoll l-iskutella u l-lanterna tagħha u tingħalaq kif inhi llum. Bena wkoll in-navi u sab l-għajnuna ta' Mons. Giuseppe Farrugia *tal-Vers* li kellu għal qalbu t-tempju Ġorġjan. Irrappreżenta lil Għawdex fl-Assemblea tal-1921. Ħabrek ukoll biex jingħata bidu għal servizz ta' vapuri bejn Malta u Għawdex. Kellu mħabba kbira għall-parruċċani tiegħu, speċjalment lejn il-foqra, u kien mimli żelu pastorali. F'ħafna affarijiet kien l-id il-leminija tal-Isqof Camilleri u, warajh, tal-Isqof Mikiel Gonzi, li nħatar Arċisqof ta' Malta fl-1944, prattikament sena wara l-mewt tiegħu. Fil-Belt Victoria nsibu triq imsemmija għalih u mafkar fl-istess Bażilika ta' San Ġorġ li kien twaqqaf bit-tħabrik ta' Mons. Dr Ġużeppi Farrugia fl-1996 u inawgurat mill-President tar-Repubblika Dr Ugo Mifsud Bonnici.

**Konklużjoni**

M'hemmx dubju illi li kieku dawn l-erba' patrijotti kienu għadhom magħna, kienu jifirħu tassew meta fl-1987, bit-tħabrik u l-ħidma tas-Sur Anton Tabone, twaqqaf il-Ministeru għal Għawdex. Hekk ukoll kien jiġri meta l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet ir-reġjonalità ta' Għawdex fl-2002.

Nistgħu ngħidu li l-erba' Rabtin li rrappreżentaw lil Għawdex fl-Assemblea Leġislattiva tal-1921 kienu lkoll personalitajiet tassew distinti. L-erbgħa li huma – ilkoll fil-qasam tagħhom – kienu persuni ħabrieka u mimlija enerġija u mħabba lejn Għawdex, lejn il-Knisja u lejn art twelidhom. Kienu nies li jħobbu l-patrija u dejjem lesti li jkunu ta' servizz għaliha skont l-interessi nazzjonali. Fl-aħħar imma mhux l-inqas, dawn kienu patrijotti Għawdxin ulied il-Belt Victoria li qatt ma stħaw jgħidu li huma wlied il-Gżira tat-Tliet Għoljiet li magħha rabtu isimhom għal dejjem permezz tal-ħidma u l-ħila li tiddistingwi lil isimhom. B'isimhom fuq xofftejna, nistgħu nduru lejn din il-gżira ta' qalbna waqt li ntennu: "*Fertilis ab undis caput effero* – Int Art Għammiela għax b'ilma ġieri!".



Dr Giuseppe Micallef (it-tielet mil-lemin fit-tieni ringiela minn wara) f'ritratt mal-Isqof Mikiel Gonzi u ma' avukati Maltin oħra waqt irtir li nżamm f'Dar Manresa fit-3 ta' April 1928. *Ħajr: NAG*



Id-deputati tal-Ewwel Parlament qed jieħdu l-ġurament fil-bidu tal-leġislatura.

# IT-TWESSIGĦ TA' PJAZZA SAN ĠORĠ

MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (6)



MILL-ARKIVJU

Toni Farrugia

Sal-1960 Pjazza San Ġorġ, li sal-1937 kienet magħrufa uffiċjalment bħala *Piazza Mercato* (ara *The Malta Government Gazette*, 16 ta' Awwissu 1929, 580), kienet ferm iżgħar milli hi llum. Il-bini residenzjali kien jasal sa fejn illum hemm, bejn wieħed u ieħor, *Kafè San Ġorġ* (Tal-Patri) fuq naħa u l-ħanut tat-tabakk u xorb alkoħoliku *The Liqueur Shop* fuq in-naħa l-oħra. Tant kienet dejqa li għall-Festa ta' San Ġorġ kien jintrama palk mal-ħitan tad-djar fuq in-naħa tal-istess *Kafè San Ġorġ* biex minn fuqu l-Banda La Stella tkun tista' ddoqq fil-ħruġ tal-purċissjoni. Ma' dan l-artiklu qed nippubblika għall-ewwel darba l-pjanta ta' kif kienet il-pjazza qabel ma twessgħet.

Kien ilu jinħass il-bżonn li din il-pjazza titwessa' u f'dan l-artiklu se nelenka l-ħidma li saret minn wara l-kwinti biex dan seħħ. L-artiklu hu bbażat fl-intier tiegħu fuq noti li għaddieli s-Sur Paul M. Cassar, li ħalliena aktar kmieni din is-sena, u li f'dak iż-żmien kien is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika La Stella. Dan għaliex l-ebda gazzetta ta' dak il-perjodu ma rrapportat fuq dan l-avveniment, la fil-paġna ta' Għawdex fil-ġurnal *Il-Berqa* u lanqas il-ġurnal *Leħen il-Belt Vittorja* li kien jirrapporta speċifikament aħbarijiet dwar ir-Rabat. Kulma kien ippubblikat kienu ittri lill-editur fuq dan is-suġġett.

It-twessigħ tal-pjazza kien jinvolvi t-twaqqigħ tal-Knisja ta' San Ġużepp li fil-pjanta hi mmarkata b'mod ċar u li kienet fejn illum hemm id-daħla mill-ġenb għall-arkati tar-ristoranti. Triq San Ġużepp, li minn Pjazza San Ġorġ tagħti għal Pjazza Indipendenza, hija msemmija għal dan il-qaddis minħabba din il-knisja. Dwar dan, bħalma ġara dejjem u jibqa' jiġri, qamet polemika u bejn Mejju 1954 u Jannar 1955 fil-ġurnal *Il-Berqa* dehru diversi ittri lill-editur favur u kontra t-twessigħ tal-pjazza u t-twaqqigħ tal-knisja. Intant ix-xogħol tat-twessigħ tal-pjazza beda fl-14 ta' Diċembru 1954, kif jixhdu ritratti li għandna fl-arkivju, imma l-problema tat-twaqqigħ tal-knisja kienet problema li ħadet is-snin biex tissolva, kif se naraw.

Fis-seduta tal-Kumitat tas-Soċjetà La Stella tat-28 ta' Settembru 1955 ġie diskuss il-biża' li l-pjanta oriġinali kien se jsir xi tibdil fiha u t-twaqqigħ tal-Knisja ta' San Ġużepp ma jsirx. Għalhekk il-Kumitat avviċina lill-Onor. Marċell Mizzi LP, li dak iż-żmien kien membru parlamentari f'isem il-Partit Laburista, u esprima l-preokkupazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

L-Onor. Mizzi ppropona li tintbagħat petizzjoni ffirmata minn diversi partitarji lill-Onor. Ġużè Cassar, Ministru tax-Xogħlijiet, li kienet titlob li l-proġett jitwettaq skont il-pjanti oriġinali. Il-firem inġabru minn Paul M. Cassar (Ta' Melkjor), Ġużeppi Mercieca (Ta' Ganġetta), Ġorġ Camilleri (Ta' Barabba), Ġorġ Attard (Ta' Delina) u Ċikku Bezzina (Taċ-Ċagħki). Il-ġbir tal-firem kellu jieqaf għaliex xi partitarji tas-Soċjetà li kienu wkoll partitarji Laburisti interpretawha bħala mossa politika kontra l-Gvern.

Għalhekk fit-8 ta' Ottubru 1955 il-Kumitat bagħat l-istess petizzjoni iżda rrakkomandata biss mit-tliet membri parlamentari – l-Onor. Marċell Mizzi, l-Onor. Wenzu Debrincat (Ix-Xelina) u l-Onor. Anġlu Camilleri (Il-Bedeq). Minkejja din il-petizzjoni, fit-13 ta' Ottubru 1955 il-Kumitat irċieva ittra mingħand is-segretarju tal-Ministru tax-Xogħlijiet li biha kien infurmat li fil-fatt kien ser isir it-tibdil fil-pjanta oriġinali. Għalhekk il-Kumitat talab li l-proġett jitwaqqaf sa ma tinstab soluzzjoni.





Il-Ħadd 15 ta' Jannar 1955, l-Onor. Ġużè Cassar, waqt żjara f'Għawdex, iltaqa' mal-Kumitat fil-Każin biex jiddiskutu din il-kwistjoni. Fis-6 ta' Novembru 1955 il-Kumitat kien mgħarraf uffiċjalment li l-Knisja ta' San Ġużepp ma kinitx se titwaqqa'. Dak iż-żmien kien beda jberraq il-maltemp fil-relazzjonijiet bejn il-Kurja u l-Partit Laburista, u x'aktarx li din id-deċiżjoni ttieħdet sabiex dawn ir-relazzjonijiet ma jkomplux sejrin għall-agħar.

Fl-1 ta' Novembru 1958, il-Kumitat talab l-intervent tal-Kaptan Joseph W. Attard, Kummissarju għal Għawdex, biex tissolva din il-problema. Fl-istess żmien, il-Kumitat tas-Soċjetà Il Leone kien qed jitlob li ssir daħla fis-swar taċ-Ċittadella quddiem il-Katidral.

Fis-seduta tat-22 ta' Diċembru 1959, u allura meta l-gżejjer Maltin kienu reġgħu waqgħu taħt amministrazzjoni kolonjali peress li fl-1958 kien waqa' l-Gvern Laburista, il-Kumitat talab l-intervent ta' Sir Robert Laycock, Gvernatur ta' Malta, sabiex jikkonċedi li l-knisja titwaqqa'.

Fit-22 ta' Settembru 1959, Paul M. Cassar kiteb lill-Gvernatur fejn talbu li titwaqqa' l-Knisja ta' San Ġużepp. Dan sar wara pressjoni li kellu għaliex il-Banda kienet l-unika waħda f'Malta u Għawdex li ħadet sehem fil-festi nazzjonali tat-13 ta' Settembru ta' dik is-sena. Dan minkejja ħafna theddid li kellha s-Soċjetà biex ma tiħux sehem minn diversi korpi li riedu jfixklu lill-Gvern kolonjali ta' dak iż-żmien.

X'ġara minn din id-data sa meta tlestiet il-pjazza hemm lakuna. Li hu żgur hu li x-xogħol mexa bil-mod wisq u fil-fatt fil-ġurnal *Leħen il-Belt Vittorja* sa Mejju 1959 kienu għadhom jidhru ittri lill-editur jilmentaw fuq dan. Li hu żgur ukoll hu li finalment il-knisja twaqqgħet fl-1960 kif kien irrapportat f'paġna 29 tar-*Report on the Working of the Public Works Department for the Year 1960*. Din kienet l-unika riferenza uffiċjali li sibt fuq dan il-proġett u fiha huwa rrapportat li *"agreement was reached with the Ecclesiastical Authority for the demolition of St Joseph Chapel to make way for the implementation of the scheme. The chapel and the adjoining buildings were demolished early in the year and the new buildings fronting the new square were brought to completion. The square itself was levelled and concreted"*.

Is-saga tal-Knisja ta' San Ġużepp issolviet meta nbniet kappella ġdida fl-Oratorju Don Bosco li kienet iddedikata lil dan il-qaddis. Din il-kappella nfetħet uffiċjalment fil-31 ta' Jannar 1965.

Fis-snin 90, is-Sur Paul M. Cassar kien talab lill-Onor. Anton Tabone, Ministru għal Għawdex, sabiex l-arkati tal-ħwienet (li kienu kwadri u tal-konkrit) jitlibbsu bil-ġebla tal-franka sabiex ikunu bħal dawk ta' quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann.



Nagħlaq dan l-artiklu billi nagħti tislima kif inhu xieraq lil Pawlu Cassar, il-moħħ u l-mutur ta' wara dan kollu. Fuq ix-xogħol darba qalulna li jekk tmur f'post u tħallih kif sibtu, stajt ma mort xejn. Bi kburija nistgħu ngħidu li Pawlu Cassar lis-Soċjetà Filarmonika La Stella, lill-Bażilika San Ġorġ u lir-Rabat ma ħalliehomx kif sabhom!




Il-linja ħadra hija d-demarkazzjoni tad-dar ta' Toni Borg (tax-Xewwief), li flokha nbnew il-ħwienet u l-flats ta' fuqhom. Id-daħla tad-dar (li skont Frank Mizzi kienet mitħna minn dawk li kienet taħdem bil-bagħal) hija mmarkata 30, Triq is-Suq. Bħala kumpens Borg kien ingħata post fi Triq Sant'Ursula. Fuq ix-xellug ta' dan il-bieb (jekk tkun tħares lejn il-Bażilika) illum hemm l-istatwa tal-Madonna ta' Loreto, li qabel ma twaqqa' l-bini kienet bejn 16, Pjazza San Ġorġ u 25, Triq San Ġużepp (immarkata bil-linja ħierġa 'l barra).



OBITWARJU

# ORAZZJONI FUNEBRI FIL-FUNERAL TAS-SUR PAUL M. CASSAR

## EKS SEGRETARJU ĠENERALI U TEŻORIER, U PRESIDENT TAS-SOĊJETÀ FILARMONIKA LA STELLA

Michael Formosa
President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella



Fis-7 ta' Jannar 2021 miet il-Kav. Paul M. Cassar, figura singulari fl-iżvilupp tal-istorja tal-Bażilika ta' San Ġorġ fl-aħħar seklu. Barra li sa minn żgħożitu nsibuh fit-tmun tas-Soċjetà La Stella u l-moħħ wara proġetti kbar tagħha, ewlieni fosthom il-Każin u t-Teatru Astra, hu kien ukoll parruċċan Ġorġjan li stinka kemm felaħ biex jitħarsu d-drittijiet u l-ġid tal-Parroċċa tagħna. Kien grazzi għalih, id f'id ma' benefatturi kbar oħra bħall-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca, fost l-oħrajn, li l-Parroċċa ta' San Ġorġ, wara s-Separazzjoni mill-Matriċi tal-Kastell fl-1955 u l-għoti tal-ġieħ ta' Bażilika fl-1958, wara snin ta' taqtigħ il-qalb u nkwiet parrokkjali, rajnieha mgħollija wkoll għad-dinjità ta' Kolleġġjata Lateranensi fl-1975; kif hu grazzi għalih ukoll li l-istess Bażilika tagħna għandha pjazza eleganti quddiemha u li l-Festa titulari ta' San Ġorġ ġiet ittrasferita għal Lulju. Pawlu Cassar kien bniedem determinat u ma tilgħablux mal-valuri, speċjalment dawk Insara, ħabb lil San Ġorġ b'mod eżemplari, dejjem lest biex jappoġġja finanzjarjament proġetti kbar u fejn jara l-bżonn jagħti wkoll il-kritika tiegħu. Fuq kollox, tana eżempju bil-preżenza assidwa tiegħu għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi matul is-sena fil-Bażilika, speċjalment dawk pontifikali. Ma jistax jonqos għalhekk li *Il-Belt Victoria* tingħaqad biex issellem lil dan il-benefattur Ġorġjan illustri bil-pubblikazzjoni ta' din l-Orazzjoni li saret nhar il-Funeral tiegħu li saret nhar il-Funeral tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Ħamis 11 ta' Jannar 2021..

"Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu" (2 Tim 4:7-8).

Imiss lili, konxju mis-sinifikat tal-mument, u għalhekk b'libsa ta' umiltà kbira, li nsellem lill-predeċessur tiegħi fil-presidenza tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, figura li l-istorja ta' beltna u gżirtina għad trid tagħrfu bħala l-katalist ta' moviment rinaxximentali fis-Soċjetà mużikali u l-Parroċċa li tant kien jgħożż.

Moviment rinaxximentali li tħeġġeġ fis-snin ħamsin tas-seklu li għadda u li xegħel fjamma li dawlet it-triq sabiex setgħet issir il-ġustizzja storika mal-Proto-Parroċċa tal-Belt u l-Gżira, hekk kif ikkristalizzata fit-twaqqif tal-Kolleġġjata Lateranensi f'din il-Bażilika Ġorġjana.



Is-Sur Cassar jirregala l-Mazza Kapitulari lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, l-ewwel Dekan tal-Kolleġġjata l-ġdida.

Moviment rinaxximentali li ħeġġeġ ħafna partitarji tal-Istilla u:

- xegħel fjamma li xprunat il-bini tal-akbar Każin ta' banda u soċjetà mużikali fil-gżejjer Maltin,

- fjamma li xegħlet ħeġġa ġdida fil-Banda Ċittadina La Stella, li, taħt surmastrijet kbar li mexxejja tagħha għarfu jagħżlu, wasslet il-fjur tal-moviment artistiku qawwi li Għawdex u beltna dak iż-żmien kienu qed jesperjenzaw fl-ikbar u l-aqwa pjazez Ewropej,

- fjamma li bniet, dawlet u sebbħet Teatru mill-aktar vibranti li f'anqas minn ħamsin sena twaħħdet miegħu x-xena kulturali tal-gżejjer Maltin. Tassew *Proġett għal dejjem* – kif inhu artikolat tant tajjeb it-titlu tal-bijografija li jien tant xtaqt li s-Soċjetà tippubblika u li, bi grazzja speċjali kellna x-xorti li nvaraw biss 28 ġurnata ilu.

Pawlu Cassar bla dubju kien l-ixprun u l-boxxla ta' dan il-moviment rinaxximentali, b'ħidma li ġegħlitu ħafna drabi, iva, jitqabad it-taqbida t-tajba, b'fidi Ġorġjana, bla biża' jew favuri (u hawn qed nissellef waħda mill-ħafna tislimiet li nkitbu fuq il-midja soċjali fl-aħħar ġranet), u llum qed itemm il-ġirja (li rebaħ għalih u għalina) fi ħdan komunità li ser tibqa' għal dejjem midjuna lejh għax issa tista' tgawdi u tgħix fid-dehra tal-proġetti li huwa ħolom u wettaq ma' sħabu.

Fid-damma ta' dawn il-ħsibijiet qosra, imma mill-qalb, b'umiltà imma bi gratitudni, f'isem u flimkien mal-Bandisti, Membri tal-Kumitat u s-Soċji tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, intennu t-tislima tal-aħħar, ispirata mill-versi bibliċi tal-qaddis li kont iġġib ismu:

"Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalik il-kuruna tal-ġustizzja".

Grazzi, Pawlu!




# MONS. FRANĠISK SAVER CALLEJA

(1926-2021)



Nhar is-Sibt 27 ta' Jannar 2021, il-Kanonċi tal-Kolleġġjata Urbana flimkien mal-kleru u l-parruċċani tal-Bażilika ta' San Ġorġ taw l-aħħar tislima lil Mons. Saver Calleja li miet il-ġurnata ta' qabel, 26 ta' Jannar, filgħodu.

Franġisk Saver Calleja twieled il-Belt Victoria, Għawdex fil-21 ta' Lulju 1926 minn Luigi u Maria Antonia mwielda Sammut u gie mgħammed fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Wara l-istudji tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern u fil-Liċew ta' Għawdex, fl-1945 hu daħal fis-Seminarju ta' Għawdex, fejn għamel tliet snin ta' studji fil-Filosofija. Imbagħad fl-1948 mar kompla bil-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju fil-Kulleġġ Franċiż f'Ruma fejn għamel l-istudji tiegħu fit-Teoloġija fl-Università Pontifiċja Gregoriana.

Dun Saver ġie ordnat saċerdot fil-Knisja ta' San Ġakbu fil-Belt Victoria nhar it-8 Marzu 1952. Miegħu kien hemm saċerdot ieħor mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Mercieca, li iktar tard sar Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex u eventwalment Arċisqof ta' Malta; flimkien ma' Dun Anton Bajada minn Ta' Sannat. Dun Saver iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ nhar l-20 ta' April 1952, fejn il-prietka kien għamilha Patri Ġużepp Delia SJ. Fl-1953 hu rċieva l-Liċenzjat fit-Teoloġija mill-Università Gregoriana.

Sa minn wara l-Ordinazzjoni Presibiterali, Dun Saver ta servizz għal diversi snin bħala għalliem. Bejn l-1953 u l-1966 għallem il-Franċiż fis-Seminarju ta' Għawdex u wara kompla jgħallem dan is-suġġett u r-Reliġjon fl-Iskola Sekondarju tal-Bniet Agius de Soldanis fil-Belt Victoria fejn dam sal-1978. Għal tliet snin kien ukoll jiċċelebra l-quddiesa ta' kuljum għall-komunità tas-Sorijiet tal-Karità fil-Konservatorju tal-Isqof, il-Belt Victoria.

Mons. Calleja dejjem offra s-servizzi tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment bid-disponibbiltà tiegħu bħala konfessur fis-sagrament tal-qrar. Għal tliet snin hu kien jiċċelebra l-quddiesa tat-8.00 ta' nhar ta' Ħadd, kif ukoll għal ħafna snin il-quddiesa 'tal-ewwel' matul il-ġimgħa.

Fl-1976, hu kien wieħed mill-kanonċi l-ġodda magħżula mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi biex jiffurmaw il-Kapitlu ġdid tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Wara bosta snin bħala Penitenzier ta' dan il-Kapitlu, f'Lulju 2009, il-Kan. Saver Calleja ġie maħtar Primiċerju, li hi l-ħames l-ogħla dinjità li ġġorr magħha t-titlu ta' Monsinjur *Cappellano di Sua Santità*. Dan kien sar permezz ta' dokument maħruġ mis-Segreterija tal-Istat tal-Vatikan datat 29 ta' Settembru 2009. Flimkien mal-Kanonku Calleja, il-Kan. Karm Grech kien inħatar Kantur. Fl-istess okkażjoni wkoll, Mons. Pawlu Cardona, dak iż-żmien Arċipriet ta' San Ġorġ, skont prassi antika, ġie onorat bit-titlu ta' Prelat tal-Unur tal-Qdusija Tiegħu, filwaqt li l-Kan. Feliċ Tabone u l-Kan. Ġorġ Bezzina (1953-2012) ukoll inħatru Monsinjuri bl-istess titlu.

Fl-aħħar snin, Mons. Calleja ma kienx għadu jqaddes il-quddiesa tal-ewwel fost il-ġimgħa minħabba raġuni ta' saħħa. Fil-fatt hu kien jgħix ma' familja fin-Nadur, imma minkejja dan, b'mod regolari kien għadu jiġi jqaddes privatament fil-Kamra tal-Abbatini tal-Bażilika.

Il-Funeral sar nhar is-Sibt 27 ta' Jannar 2021, u ġiet ppresedut mill-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma, Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

# KRONAKA PARROKKJALI





## NIFIRĦU LIL...

- Mons. Emanuel Curmi, mill-Parroċċa tal-Fontana imma li għal bosta snin ta servizz kbir fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, li fil-15 ta' Jannar 2021 fakkar is-60 anniversarju presbiterali tiegħu.



- Fra Etienne Gilson OFMCONV, mill-Parroċċa ta' Sant'Elena, Birkirkara, u sa mill-2015 membru tal-Fraternità Franġiskana Konventwali tal-Belt Victoria, katekista tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina fil-parroċċa tagħna; u Andrew Grima, mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, li s-sena l-oħra kien jagħti servizz pastorali fil-parroċċa tagħna; li fit-30 ta' April ġew ordnati presbiteri mill-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma fir-Rotunda arċipretali ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija.



Ritratt: Shaun Sultana

## INSELLMU LIL...

- Paul M. Cassar (1933-2021), benefattur kbir tal-Kolleġġjata Ġorġjana u eks-Teżorier, Segretarju Ġenerali, u President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, u President onorarju *ad vitam* tal-istess Soċjetà, li miet fis-7 ta' Jannar 2021. Hu kien ukoll Kap tal-Librerija Pubblika ta' Għawdex bejn l-1952 u l-1994, kif ukoll Sindku tal-Belt Victoria bejn l-2000 u l-2003.



- Mons. Franġisk Saver Calleja (1926-2021), Primiċerju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li miet fis-26 ta' Frar. Il-Funeral tiegħu nżamm l-għada fil-Bażilika Ġorġjana.



Ritratt: JJP Zammit

## MEMBRI ĠODDA fil-komunità parrokkjali

**03/01/2021** **Emily Rose** bint Donald Micallef u Rose Ann Vella
**03/01/2021** **Thiago** bin Alan Fava u Charmain Farrugia
**07/02/2021** **Charlotte** bint Clint Gatt u Christine Sultana
**24/04/2021** **Jonathan** bin John Sultana u Li Zhang
**25/04/2021** **Francesco** bin Stephen Vassallo u Lianne Grech
**25/04/2021** **Valentina** bint Paul Buttigieg u Mandy Buttigieg

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

**16/02/2021** **Jonathon Carabott u Michelle Portelli**
**17/04/2021** **Jonathan Spiteri u Paula Aquilina**

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

**06/01/2021** **Eucharistica Farrugia**
**06/01/2021** **Paolo Cassar**
**11/01/2021** **Angelo Cefai**
**15/01/2021** **Frances Zammit**
**06/02/2021** **Francis Farrugia**
**11/02/2021** **Josephine Fenech**
**21/02/2021** **Grazia Borg**
**26/02/2021** **Mons. Saverio Calleja**
**01/03/2021** **Francis Vella**
**05/03/2021** **Anthony Mizzi**
**08/03/2021** **Mary Camilleri**
**13/03/2021** **Elisa Bugeja**
**30/03/2021** **Melania Cassar**
**13/04/2021** **Laurence Mary Debono**
**16/04/2021** **Joseph Falzon**
**30/04/2021** **Therese Cilia**

KRONAKA



# MID-DJARJU PARROKKJALI

JANNAR-APRIL 2021

Andrew Formosa

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** Mons. Isqof Anton Teuma mexxa l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Marija Omm Alla.
**» 3 ta' Jannar**
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Epifanija li fih amministra s-Sagrament tal-Magħmudija.
**» 2 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Quddiesa solenni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, li fiha saret il-preżentazzjoni uffiċjali tal-kandidati għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, fil-preżenza tal-ġenituri tagħhom.
**» 6 ta' Frar**
**03.30pm:** F'Dar Manresa, il-Belt Victoria, inżamm l-ewwel minn żewġ seminars fuq il-*Bereavement* u l-Ministeru tal-Faraġ bħala parti mill-Proġett parrokkjali *Fejn hu Ħuk*? Dan ġie indirizzat mill-psikologu Dun John Vella. It-tieni sessjoni nżammet is-Sibt 20 ta' Frar u fiha tkellmu Dun Anthony Bajada u l-psikologa Dr Benna Chase.
**» 17 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet Joseph Curmi mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni tal-Erbgħa tar-Rmied fil-bidu tar-Randan imqaddes.
**» 19 ta' Frar**
**08.00pm:** Inżammet l-ewwel minn sensiela ta' seminars dwar l-immigrazzjoni – fil-Bażilika imma trasmessi onlajn – ippjanati għall kull Ġimgħa tar-Randan, parti mill-proġett *Fejn hu Ħuk? Il-Barrani*. Fl-ewwel taħdita, il-ġurnalista Mark Micallef, riċerkatur li jispeċjalizza fil-kriminalità organizzata fil-Libja u s-Sahel, tkellem dwar ir-realtà kumplessa tal-immigrazzjoni irregolari.
**» 22-26 ta' Frar**
**07.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Eżerċizzi spiritwali tar-Randan għall-miżżewġin, li kien ippjanat li jsiru minn Dun Daniel Sultana.
**» 26 ta' Frar**
**Filgħodu:** Tħabbret il-mewt ta' Mons. Franġisk Saver Calleja, Primiċerju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fl-età ta' 94 sena.
**08.00pm:** Sar it-tieni seminar dwar l-immigrazzjoni, li fih Dr Neil Falzon, avukat u fundatur tal-Fondazzjoni Aditus, iddiskuta l-aspetti legali, l-obbligi internazzjonali u l-limiti nazzjonali.
**» 27 ta' Frar**
**03.30pm:** Fil-Bażilika, il-Kapitlu Ġorġjan talab l-Uffiċċju tal-Mejtin madwar it-tebut bil-fdalijiet ta' Mons. Saver Calleja.
**04.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Funeral ta' Mons. Saver Calleja.
**» 1-4 ta' Marzu**
**04.15pm:** Mons. Karm Gauci mexxa l-Eżerċizzi spiritwali tar-Randan għal Kulħadd fil-Bażilika.
**» 4 ta' Marzu**
Bħala parti mill-miżuri biex titwaqqaf l-imxija tal-pandemija Covid-19, il-Knisja f'Għawdex waqqfet il-laqgħat kollha tad-duttrina u ta' katekeżi fil-Parroċċa b'mod fiżiku, li minn dakinhar komplew jinżammu onlajn.
**» 5 ta' Marzu**
**07.30pm:** Inżamm it-tielet seminar dwar l-immigrazzjoni, li tmexxa minn Danielle Vella, ġurnalista u direttur mal-JRS, li ttrattat l-aspett interreliġjuż tal-immigrazzjoni.
**» 6 ta' Marzu**
Inħarġet sejħa għall-offerti għall-illuminazzjoni tal-faċċata u l-koppla tal-Bażilika, li għalqet fis-27 ta' Marzu.
**» 11 ta' Marzu**
Il-Knisja f'Malta u Għawdex, bi qbil mal-Awtoritajiet tas-Saħħa, reġgħet irrestrinġiet is-sehem fiżiku tal-poplu ta' Alla fil-quddies u ċ-ċelebrazzjonijiet fil-knejjes, bħala miżura biex titrażżan l-imxija tal-pandemija Covid-19. Il-quddies ta' kuljum tad-9.00am u s-6.00pm, kif ukoll dak tal-10.00am nhar ta' Ħadd, baqa' jixxandar fuq il-mezzi soċjali tal-Parroċċa. Wara l-quddiesa tas-6.00pm kienet tingħad ukoll it-talba tar-Ružarju u jsiru mumenti ta' adorazzjoni. Il-Bażilika kienet tinfetaħ mis-7.00am sa 12.00pm (tagħlaq għall-quddiesa tad-9.00am) u mis-2.30pm sal-5.30pm. Il-funerali baqgħu permessi li jsiru fil-knisja b'rispett lejn id-direttivi tas-saħħa. Minħabba r-restrizzjonijiet dwar attivitajiet organizzati fuq barra, ma nżammet ebda attività oħra esterna marbuta mar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. L-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira, għajr għall-Monument, intramaw bħas-soltu fil-Bażilika.
**» 12 ta' Marzu**
**07.30pm:** Sar ir-raba' seminar dwar l-immigrazzjoni, li tmexxa onlajn minn Dr Julian Caruana u Dr Alexia Rossi, psikologi, dwar il-pajjiżi li jospitaw l-immigranti.
**» 19 ta' Marzu**
**07.30pm:** Sar l-aħħar seminar dwar l-immigrazzjoni bħala parti mill-Proġett parrokkjali *Fejn hu Ħuk?*, li tmexxa onlajn minn Dun Mussie Zerai, fundatur tal-Aġenzija Habeshia u nnominat għall-Premju Nobel tal-2015, li tkellem dwar il-perspettiva Nisranija dwar l-immigrazzjoni, fejn ippreżenta lil San Ġużepp bħala mudell ta' akkoljenza.
**» 22-25 ta' Marzu**
**04.15pm:** Il-katekista Fra Etienne Gilson OFMCONV mexxa l-Eżerċizzi tar-Randan għat-Tfal permezz ta' sessjonijiet onlajn li nżammu mit-23four Hub.
**» 30 ta' Marzu**
**06.30pm:** Fra Etienne Gilson OFMCONV mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara għat-tfal li waslu biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**» 31 ta' Marzu**

**06.30pm:** Fuq il-mezzi soċjali tal-Parroċċa u fil-jumejn ta' wara fuq NET TV, ixxandret Via Sagra bit-tema *Jiena Hu l-Ħabsi*, traduzzjoni minn Francesco Pio Attard ta' test miktub minn ħabsin u staff tal-Ħabs ta' Padova, u li nżammet għall-ewwel darba fil-Ġimgħa l-Kbira tas-sena l-oħra fi Pjazza San Pietru fil-preżenza tal-Papa Franġisku. Fil-produzzjoni Maltija, irrekordjata fil-Bażilika, ħadu sehem qarrejja professjonali u l-arpista Jacob Portelli.

**» 1 ta' April**

**06.30pm:** Il-Kan. Richard N. Farrugia mexxa ċ-Ċelebrazzjoni solenni tat-Tifkira tal-Ikla tal-Mulej.

**07.45pm:** Il-Bażilika nfetħet għat-talb privat sa nofsillejl. Minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-Covid-19, l-Altar tar-Ripożizzjoni bil-ġilandra tal-injam ġie armat fuq l-Altar tal-Kor biex in-nies setgħet iżżur lil Ġesù Ewkaristija waqt li tibqa' mifruxa fil-Bażilika skont il-miżuri tad-distanza soċjali.

**» 2 ta' April**

**06.00am:** Il-Bażilika nfetħet għat-talb privat sa 12.00pm.

**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija tat-Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej.



**» 3 ta' April**

**08.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid tal-Mulej bil-Mixegħla tal-Blandun.



**» 4 ta' April**

**11.00am:** Il-Kardinal Mario Grech mexxa l-Pontifikal tal-Għid il-Kbir.

**» 18 ta' April**

Il-knejjes reġgħu nfetħu biex isir il-quddies bis-sehem tal-fidili. Bħalma sar sa mill-bidu tal-imxija tal-pandemija, ġew osservati numri ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-Covid-19.

**» 19-21 ta' April**

**07.00pm:** Il-Kan. Joe Zammit mexxa l-Quddies solenni tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa liturġika ta' San Ġorġ. Wara, sar il-kant tal-Innu, u t-talb tal-Kurunella u l-Litanija lil San Ġorġ, u l-Barka Ewkaristika.

**» 22 ta' April**

**04.00pm:** Il-katekista Francesco Pio Attard mexxa mument ta' katekeżi għall-kreżimandi bi tħejjija għall-Griżma tal-Isqof imnebbaħ mill-ħajja u x-xhieda ta' San Ġorġ.

**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tal-Ewwel Għasar bis-sehem tal-Kapitlu.

**07.00pm:** Mons. Isqof mexxa fil-Bażilika l-Vejla Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, bis-sehem ta' diversi kategoriji tal-Parroċċa u qari ta' siltiet mill-*Evangelii gaudium* tal-Papa Franġisku.

**» 23 ta' April**

**06.25pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tat-Tieni Għasar fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ Martri, bis-sehem tal-Kapitlu.

**07.00pm:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali u niseġ l-omelija fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ Martri.



**» 28-30 April**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa l-Quddies tat-Tridu bl-omelija bi tħejjija għall-Festa parrokkjali ta' San Ġużepp.

**» 29 ta' April**

**07.00pm:** Mons. Isqof iltaqa' mal-kreżimandi, flimkien mal-ġenituri u l-parrini tagħhom, fil-Bażilika. Il-laqgħa bdiet bi preżentazzjonijiet qosra dwar il-Griżma tal-Isqof u l-Ispirtu s-Santu minn xi studenti, kif ukoll b'mistoqsijiet indirizzati lill-Isqof min-naħa ta' ġenitur f'isem il-familji preżenti.

**» 30 ta' April**

**06.30pm:** Fil-Katidral ta' Għawdex inżammet l-Ordinazzjoni Presbiterali tad-Djakni Etienne Gilson OFMCONV u Andrew Grima, li t-tnejn li huma taw servizz fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

## IL-KNISJA TA' SAN ĠUŻEPP

Tagħha fadal biss ritratti rari u isem ta' triq, imma l-Knisja ta' San Ġużepp, bi storja li tmur lura lejn il-Medjuevu u twaqqgħet lejn is-sena 1960 għat-twessigħ tal-pjazza quddiem il-Bażilika, għadha ħajja fil-memorja ta' ħafna anzjani tagħna.

*» aqra iktar f'paġni 21-22*



## RANDAN 2021

Ir-Randan ta' din is-sena ma kienx 'kiefer' daqs tas-sena l-oħra, għax minkejja li għat-tieni sena konsekuttiva rġajna ċċelebrajna parti sew minnu flimkien mal-Ġimgħa Mqaddsa b'ħafna restrizzjonijiet tal-pandemija, tal-inqas stajna ngawdu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira armati fil-Bażilika, bil-punt fokali jkun il-Kurċifiss ta' Azzopardi wara l-altar prinċipali tat-tribuna.

